| *ex 8529 90 65 | 75 | Moduli li mill-inqas fihom ċipep semikondutturi għal:<br>— ġenerazzjoni ta' sinjali tad-direzzjoni għall-indirizzar tal-pixels jew<br>— direzzjonar tal-indirizzar tal-pixels | 0 % | 1.1.2011-31.12.2012 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 8529 90 92 | 25 | Moduli LCD mhux ikkombinati ma' faċilitajiet touch screen li jikkonsistu biss minn:<br>— ċellola TFT waħda jew iktar tal-ħġieġ jew tal-plastik,<br>— sink tas-sħana tal-metall fondut,<br>— unità tar-retroluminazzjoni,<br>— ċirkwit stampat b'mikro kontrollur, u<br>— interfaċċa LVDS (Low Voltage Differential Signaling) u,<br>għall-użu fil-manifattura ta' radjijiet għall-vetturi motorizzati (1) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2015 |
| ex 8535 90 00<br>ex 8536 50 80 | 30<br>83 | Swiċċ semikonduttur ta' modulu f'kejsing:<br>— li jikkonsisti f'ċippa transister IGBT u ċippa ta' dajowd fuq qafas taċ-ċomb wieħed jew aktar,<br>— għal vultaġġ ta' 600 V jew ta' 1 200 V | 0 % | 1.1.2011-31.12.2015 |
| *ex 8540 11 00 | 91 | Tubu tar-raġġi katodiċi tal-kulur bi slot mask, mgħammar b'electron gun u b'deflection yoke u b'skrin bi proporzjon ta' wisa'/għoli ta' 4/3 u tul djagonali tal-iskrin ta' mhux aktar minn 42 ċm | 0 % | 1.1.2011-31.12.2011 |
| *ex 8540 11 00 | 92 | Tubu katodiku kwadrat tal-kulur bi skrin għat-tond, mgħammar b'*electron gunu deflection yokeu* bi skrin b'proporzjon bejn il-wisa' u l-għoli ta' 4/3 u tul dijagonali tal-iskrin ta' 68 ċm (± 2 mm) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2011 |
| *ex 8540 11 00 | 93 | Tubu bir-raġġi tal-katowd tal-kulur (CRT) mgħammar b'punti ħdejn xulxin li jisparaw l-elettrons (teknoloġija in-line), b'qies djagonali tal-iskrin ta' 79 ċm jew iktar | 0 % | 1.1.2011-31.12.2011 |
| *ex 8540 11 00 | 94 | Tubu tar-raġġi katodiċi tal-kulur armat b'electron gun u b'reflection yoke, bi skrin bi proporzjon wiesa'/għoli ta' 4/3 u b'qies dijagonali ta' aktar minn 72 ċm | 0 % | 1.1.2011-31.12.2013 |
| *ex 8540 11 00 | 95 | Tubu katodiku tal-kulur bi skrin b'proporzjon bejn il-wisa' u l-għoli ta' 16/9 u tul dijagonali tal-iskrin ta' 39,8 ċm (± 0,3 mm) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2013 |
| ex 8543 70 90 | 40 | Amplifikatur bi frekwenza għolja li jikkonsisti f'ċirkwit integrat wieħed jew aktar u ċipep ta' kapaċitors diskreti fuq flanġ tal-metall f'hawżing | 0 % | 1.1.2011-31.12.2015 |
| *ex 8544 42 90 | 10 | Kejbil tat-trażmissjoni tad-dejta b'kapaċità ta' rata ta' trażmissjoni ta' 600 Mbit/s jew aktar:<br>— b'vultaġġ ta' 1,25 V (± 0,25 V)<br>— b'konnetturi installati f'tarf wieħed jew fiż-żewġ trufijiet li għall-inqas wieħed minnhom ikollu pinnijiet b'piċċ ta' 0,5 mm,<br>— bi skrijn fuq barra bħala protezzjoni<br>użat biss għall-komunikazzjoni bejn pannell LCD jew PDP u ċirkwiti elettroniċi tal-ipproċessar tal-vidjo | 0 % | 1.1.2011-31.12.2013 |
| *ex 8545 19 00 | 20 | Elettrodi tal-karbonju, għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' batteriji żingu-karbonju (1) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2013 |
| *ex 8547 10 00 | 10 | Tagħmir iżolanti taċ-ċeramika, li fih, f'piż, 90 % jew aktar ta' aluminium osside, metallizzat, f'forma ta' korp ċilindriku vojt b'dijametru estern ta' 20 mm jew aktar iżda li ma jaqbiżx 250 mm, għall-fabbrikazzjoni ta' interrutturi vakwi (1) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2013 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 9001 90 00 | 85 | Pannell li jiggwida d-dawl magħmul mill-poli(metakrilat tal-metil),<br>— kemm jekk maqtugħ kif ukoll jekk le,<br>— kemm jekk stampat kif ukoll jekk le,<br>għall-użu fil-manifattura ta' unitajiet tar-retroluminazzjoni għall-iskrijns ċatti tat-televiżjonijiet<br>(1) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2015 |
| *ex 9022 90 00 | 10 | Pannelli għal apparat li jieħu r-raġġi x (sensuri tar-raġġi x b'panelli ċatti) magħmulin minn pjanċa tal-ħġieġ b'matrix ta' transistors magħmulin minn ħġieġ irqieq, koperti minn film tas-silikonju amorfu, koperta b'saff scintillator ta' cesium iodide u saff protettiv metallizzat, b'wiċċ attiv ta' 409,6 $mm^2$ × 409,6 $mm^2$ u b'daqs ta' pixels ta' 200 $\mu m^2$ × 200 $\mu m^2$ | 0 % | 1.1.2011-31.12.2013 |
| ex 9405 40 39 | 30 | Il-komponenti kollha ta' dawl li jaħdem bl-elettriku li jinkludi:<br>— ċirkwiti stampati u<br>— dajowds li Jarmu d-Dawl (LEDs)<br>għall-manifattura ta' unitajiet tar-retroluminazjzoni għas-settijiet tat-televiżjoni ċatti<br>(1) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2015 |
| ex 9503 00 75<br>ex 9503 00 95 | 10<br>10 | Mudelli tal-plastik fuq skala ta' cable cars kemm jekk bil-mutur kif ukoll mingħajr mutur, għall-istampar (1) | 0 % | 1.1.2011-31.12.2015 |

(*) Sospenzjoni relatata ma' prodott fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1255/96 għal liema il-Kodiċi tan-NM jew tat-TARIC jew id-deskrizzjoni tal-prodott huma modifikati b'dan ir-Regolament.

*ANNESS II*

**Prodotti li jirreferi għalihom l-Artikolu 1(2)**

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC |
|---|---|
| ex 2805 30 90 | 10 |
| ex 2805 30 90 | 20 |
| ex 2825 50 00 | 10 |
| ex 2933 79 00 | 40 |
| *ex 3208 90 19 | 60 |
| *ex 3707 10 00 | 15 |
| *ex 3707 10 00 | 35 |
| *ex 3707 90 90 | 70 |
| *ex 3903 90 90 | 86 |
| *ex 3904 69 90 | 81 |
| *ex 3904 69 90 | 93 |
| *ex 3904 69 90 | 94 |
| *ex 3904 69 90 | 96 |
| *ex 3904 69 90 | 97 |
| *ex 3905 99 90 | 94 |
| ex 3908 90 00 | 20 |
| *ex 3919 10 80 | 21 |
| *ex 3919 10 80 | 50 |
| *ex 3919 10 80 | 65 |
| *ex 3919 90 00 | 21 |
| *ex 3919 90 00 | 35 |
| *ex 3919 90 00 | 37 |
| *ex 3919 90 00 | 41 |
| *ex 3919 90 00 | 57 |
| *ex 3920 10 89 | 25 |
| *ex 3920 20 29 | 92 |
| *ex 3920 61 00 | 20 |
| ex 3920 62 19 | 88 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC |
|---|---|
| *4106 31 10 | |
| *4106 32 90 | |
| *4106 40 90 | |
| *4106 92 00 | |
| *ex 5603 12 90 | 70 |
| *ex 5603 13 90 | 70 |
| *ex 5603 92 90 | 40 |
| *ex 5603 93 90 | 10 |
| *ex 6805 10 00 | 10 |
| *ex 6805 20 00 | 10 |
| *ex 6805 30 80 | 10 |
| *ex 6909 19 00 | 20 |
| *ex 6909 19 00 | 50 |
| *ex 6914 90 90 | 20 |
| *ex 6914 90 90 | 30 |
| *ex 7019 12 00 | 10 |
| *ex 7019 12 00 | 15 |
| *ex 7019 12 00 | 50 |
| *ex 7019 12 00 | 70 |
| *ex 7019 19 10 | 10 |
| *ex 7019 19 10 | 30 |
| *ex 7019 19 10 | 55 |
| *ex 7019 19 10 | 60 |
| *ex 7019 19 10 | 70 |
| *ex 7019 19 10 | 80 |
| *ex 7019 90 99 | 10 |
| *ex 7019 90 99 | 20 |
| *ex 7019 90 99 | 30 |
| *ex 7606 12 10 | 10 |
| *ex 7607 11 90 | 20 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC |
|---|---|
| *ex 7607 20 99 | 10 |
| *ex 8505 90 10 | 91 |
| *ex 8518 40 89 | 91 |
| *ex 8521 90 00 | 20 |
| *ex 8522 90 80 | 84 |
| ex 8525 80 19 | 30 |
| *ex 8528 59 90 | 20 |
| *ex 8529 90 65 | 75 |
| *ex 8540 11 11 | 95 |
| *ex 8540 11 15 | 20 |
| *ex 8540 11 19 | 91 |
| *ex 8540 11 19 | 93 |
| *ex 8540 11 91 | 31 |
| *ex 8544 42 90 | 10 |
| *ex 8545 19 90 | 20 |
| *ex 8547 10 10 | 10 |
| *ex 9022 90 90 | 10 |

(*) Sospenzjoni relatata ma' prodott fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1255/96 għal liema il-Kodiċi tan-NM jew tat-TARIC jew id-deskrizzjoni tal-prodott huma modifikati b'dan ir-Regolament.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1266/2010

## tat-22 ta' Diċembru 2010

## li jemenda d-Direttiva 2007/68/KE fir-rigward tar-rekwiżiti tat-tikkettar għall-inbejjed

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/68/KE ([2]) temenda l-lista tal-Anness IIIa tad-Direttiva 2000/13/KE li tindika l-ingredjenti li għandhom jiġu inklużi fit-tikkettar tal-ikel għaliex hemm possibbiltà li jikkawżaw reazzjonijiet avversi f'individwi suxxettibbli; hija tfassal ukoll lista ta' ċertu derivattivi mill-ingredjenti inklużi fl-Anness IIIa, li għalihom ġie xjentifikament stabbilit li, taħt ċirkostanzi speċifiċi, ma għandhomx jikkawżaw reazzjonijiet avversi u għalhekk huma esklużi mir-rekwiżit tat-tikkettar. Barra minn hekk hija tirrevoka d-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/26/KE tal-21 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi lista ta' ingredjenti tal-ikel jew ta' sustanzi li huma provviżorjament esklużi mill-Anness IIIa tad-Direttiva 2000/13/KE ([3]).

(2) Minħabba li l-bidliet fit-tikkettar jaffettwaw l-industrija, prinċipalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jridu perjodu ta' adattament biex iwittu t-triq għal tranżizzjoni mingħajr tfixkil lejn rekwiżiti tat-tikkettar ġodda, id-Direttiva 2007/68/KE tipprevedi miżuri temporanji biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli ġodda billi tiġi permessa l-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti tal-ikel li jitqiegħdu fis-suq jew li jiġu ttikkettati qabel il-31 ta' Mejju 2009 li jikkonformaw mad-Direttiva 2005/26/KE sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

(3) Dak il-perjodu tranżizzjonali li kien previst minn dawk il-miżuri temporanji ttawwal sal-31 ta' Diċembru 2010 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2009 ([4]) għall-inbejjed kif definiti fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 ([5]).

(4) Wara r-revoka tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-inbejjed issa huma definiti fl-Anness XIb tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([6]). Għalhekk għandha ssir referenza għal dak l-Anness.

(5) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(11) tad-Direttiva 2000/13/KE, il-lista fl-Anness IIIa għandha tkun eżaminata mill-ġdid b'mod sistematiku u, fejn meħtieġ, tiġi aġġornata fuq il-bażi tal-għarfien xjentifiku l-aktar reċenti.

(6) Is-settur tal-inbid wettaq studji xjentifiċi ġodda dwar l-allerġeniċità tal-kaseina u l-albumina tal-bajd, derivati mill-ħalib u mill-bajd rispettivament, li jintużaw bħala aġenti tal-irfinar fil-produzzjoni tal-inbid. Skont l-applikant, dawk l-istudji huma bbażati fuq dejta xjentifika ġdida li turi li l-inbejjed irfinati bil-kaseina u l-albumina tal-bajd skont il-prattika tajba ta' manifattura ma għandhomx jikkawżaw reazzjonijiet avversi f'individwi li huma allerġiċi għall-ħalib jew għall-bajd.

(7) Fit-8 ta' Ġunju u d-19 ta' Lulju 2010 l-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid għamlet talba għal eżenzjoni tat-tikkettar rigward il-kaseina u l-albumina tal-bajd li jintużaw fil-produzzjoni tal-inbid bħala għajnuniet għall-proċess ta' kjarifikazzjoni.

(8) Fl-14 ta' Lulju u t-30 ta' Lulju 2010 il-Kummissjoni ressqet talbiet lill-EFSA għal opinjonijiet xjentifiċi dwar is-sustanzi msemmijin hawn fuq.

(9) Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi minħabba bidliet fir-regoli tat-tikkettar, l-applikazzjoni obbligatorja għas-settur tal-inbid tad-Direttiva 2007/68/KE għandha tkun posposta sakemm titlesta l-valutazzjoni xjentifika mill-EFSA.

(10) Id-data prevista fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2007/68/KE li tistabbilixxi perjodu tranżitorju għandha għalhekk tiġi stabbilita għat-30 ta' Ġunju 2012 għall-inbejjed li jitqiegħdu fis-suq jew li jiġu ttikkettati qabel dik id-data u sakemm jispiċċaw il-ħażniet tagħhom b'kundizzjoni li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet li kienu fis-seħħ qabel, jiġifieri dawk tad-Direttiva 2005/26/KE.

(11) Għalhekk, id-Direttiva 2007/68/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

([1]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.
([2]) ĠU L 310, 28.11.2007, p. 11.
([3]) ĠU L 75, 22.3.2005, p. 33.
([4]) ĠU L 125, 21.5.2009, p. 52.
([5]) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
([6]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/68/KE, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-inbejjed, hekk kif definit fl-Anness XIb tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li jitqiegħdu fis-suq jew li jiġu ttikkettati qabel it-30 ta' Ġunju 2012, u li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/26/KE, jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Diċembru 2009**

**l-Għajnuna mill-Istat C 21/05 (ex PL 45/04) li l-Polonja tippjana li timplimenta għal Poczta Polska bħala kumpens tal-obbligi tas-servizz postali universali**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9962)*

**(Il-test Pollakk biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/815/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija ([2]) u wara li kkunsidrat dawk il-kummenti,

Billi:

### I. IL-PROĊEDURA

(1) Permezz ta' e-mail tat-30 ta' April 2004, l-awtoritajiet Pollakki nnotifikaw żewġ skemi ta' għajnuna favur l-operatur postali Pollakk Państwowe Przedsiębiorstwo Użyteczności Publicznej Poczta Polska (minn issa 'l quddiem PP), skont il-"proċedura tal-mekkaniżmu temporanju", stabbilita fl-Anness IV.3 tal-Att tal-Adeżjoni, li jifforma parti mit-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, Slovenja u Slovakkja fl-Unjoni Ewropea.

(2) Iż-żewġ skemi tal-għajnuna ġew irreġistrati bin-numri li ġejjin: PL 45/04: Kumpens lill-PP biex iwettaq servizzi universali postali u PL 49/04: Għajnuna lill-PP għal investiment relatat mal-provvista tas-servizzi universali postali.

(3) Fis-26 ta' Lulju 2004, is-26 ta' Novembru 2004 u s-7 ta' Frar 2005, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali. L-awtoritajiet Pollakki ssottomettew informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittri ta':l-10 ta' Settembru 2004, is-27 ta' Ottubru 2004, it-3 ta' Diċembru 2004 u d-29 ta' Marzu 2005.

(4) Żewġ laqgħat bejn l-awtoritajiet Pollakki u s-servizzi tal-Kummissjoni seħħew fil-25 ta' Ottubru 2004 u fil-31 ta' Jannar 2005. Fl-20 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni rċiviet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Pollakki.

(5) Permezz ta' ittra tad-29 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni infurmat lill-Polonja li kienet iddeċidiet tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE fir-rigward taż-żewġ skemi ta' għajnuna. Iż-żewġ skemi ta' għajnuna kienu rreġistrati bin-numri li ġejjin: C 21/05: Kumpens lill-PP għat-twettiq tas-servizzi postali universali u C 22/05: Għajnuna lill-PP għal investimenti relatati mal-provvista ta' servizzi postali universali.

(6) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinbeda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom.

(7) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kummenti minn partijiet interessati oħra.

(8) Il-Polonja ssottomettiet il-kummenti tagħha permezz ta' ittra tad-9 ta' Awwissu 2005. Laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-Kummissjoni seħħet fl-10 ta' Jannar 2006. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2006.

---

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma, sostanzjalment, identiċi. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88, rispettivament, tat-Trattat KE fejn applikabbli.

([2]) ĠU C 274, 5.11.2005, p. 14.

([3]) Ara in-nota 2 ta' qiegħ il-paġna.

(9) Permezz ta' ittra tal-10 ta' Frar 2006, l-awtoritajiet Pollakki infurmaw lill-Kummissjoni li kellhom il-ħsieb jirtiraw in-notifika tal-iskema tal-għajnuna C 22/05: Għajnuna lill-PP għal investimenti marbuta mal-provvista ta' servizzi postali universali. Wara t-talba tal-Kummissjoni tas-27 ta' Frar 2006, l-awtoritajiet Pollakki indikaw permezz ta' ittra tat-13 ta' Marzu 2006 li ma kinux se jipproċedu bil-proġett ta' għajnuna kopert min-notifika msemmija fuq u biddlu l-qafas legali tal-iskema sabiex ineħħu l-possibbiltà ta' għoti ta' għajnuna għall-investiment ([4]).

(10) Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' April 2006, il-Kummissjoni ddeċidiet ittemm il-proċeduri tal-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE rigward l-għajnuna C 22/05: Għajnuna lill-PP għal investimenti marbuta mal-provvista ta' servizzi postali universali, għax dawn kienu saru mingħajr għan ([5]) peress li l-għajnuna qatt ma kienet ġiet implimentata.

(11) Permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2006, l-awtoritajiet Pollakki bagħtu informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni fir-rigward tal-każ dwar l-għajnuna mill-Istat C 21/05: Kumpens lill-PP għat-twettiq tas-servizz postali universali. Huma indikaw madankollu li fl-2004 u l-2005, ebda kumpens mill-Istat ma kien ingħata lill-PP għat-twettiq tal-obbligu tas-servizz postali universali. L-iskema in kwistjoni qatt ma kienet ġiet iffinanzjata u qatt ma ġiet applikata fl-2004 u l-2005.

(12) Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet ittemm parzjalment il-proċedimenti skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE fir-rigward tal-għajnuna C 21/05: Għajnuna lill-PP għat-twettiq ta' servizz postali universali għall-perjodu 2004-2005, peress li dawn kienu saru mingħajr għan peress li l-għajnuna ma kinetx ġiet implimentata fl-2004 u l-2005. Il-proċedimenti skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE baqgħu miftuħa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 'il quddiem ([6]). Permezz ta' ittra tat-3 ta' Jannar 2007 il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar l-iskema ta' għajnuna in kwistjoni għall-perjodu 2006 'il quddiem. L-awtoritajiet Pollakki wieġbu permezz ta' ittra tal-1 ta' Frar 2007.

(13) PP kien ikklassifikat bħala Kumpanija ta' Servizzi Pubbliċi u eżerċita l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi tal-"Att tat-30 ta' Lulju 1997 dwar l-Intrapriża tal-Istat ta' servizzi pubbliċi PP". Fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' April 2007 rigward il-każ dwar l-għajnuna mill-Istat E 12/05: Garanzija Statali Mingħajr Limitu lill-Poczta Polska, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-impossibbiltà li PP ifalli minħabba l-istat legali tiegħu pprovdiet lill-impriża garanzija Statali mingħajr limitu ([7]).

(14) Skont il-pjan addottat mill-Kunsill tal-Ministri fil-11 ta' April 2006, it-trasformazzjoni tal-pussess tal-Poczta Polska kellha sseħħ f'żewġ stadji, jiġifieri l-kummerċjalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni. Fil-25 ta' Ġunju 2008, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni rigward id-dħul fis-seħħ fil-25 ta' April 2008 ta' liġi ġdida tal-11 ta' April 2008 li temenda dik li tipprovdi lill-PP l-impossibbiltà li jkun suġġett għal proċedimenti ordinarji ta' falliment. Fuq il-bażi tal-liġi l-ġdida, ma kienx ċar għall-Kummissjoni liema sistema legali tapplika għall-PP peress li ma deherx li kien hemm tibdil fl-istat legali tiegħu.

(15) L-ewwel stadju ta' trasformazzjoni ġie implimentat skont l-Att tal-5 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tas-servizz pubbliku PP ([8]), u għalhekk il-PP ġie mibdul minn intrapriża Statali għal kumpanija ta' azzjonijiet konġunti (Spółka akcyjna) li t-Teżor għandu fiha 100 % tal-ishma. Bħala konsegwenza ta' dan, PP tilef l-istat legali li kien jipprevjenih li dan ifalli. Il-garanzija Statali mingħajr limitu favur PP kienet għalhekk imneħħija u l-kumpanija hija issa suġġetta għal proċedimenti ordinarji ta' falliment.

(16) Diversi laqgħat bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-Kummissjoni seħħew fis-27 ta' Ġunju 2007, l-20 ta' Lulju 2007, is-26 ta' Settembru 2007 u l-25 ta' Lulju 2008.

(17) Wara dawn il-laqgħat l-awtoritajiet Pollakki ttrażmettew informazzjoni komplementarja li ġiet reġistrata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2007 (A/40109/a), fit-8 ta' Frar 2008 (A/2536), fil-15 ta' April 2008 (A/7047), fit-28 ta' April 2008 (A/8137), fit-18 ta' Ġunju 2008 (A/13261), fis-7 ta' Novembru 2008 (A/23609), fis-6 ta' Jannar 2009 (A/191), fit-2 ta' Frar 2009 (A/2483), fid-29 ta' April 2009 (A/10409), fil-15 ta' Ġunju 2009 (A/14530), fl-4 ta' Settembru 2009 (A/19121), fl-14 ta' Settembru 2009 (A/19796), fil-25 ta' Settembru 2009 (A/20558), fl-1 ta' Ottubru 2009 (A/20997) u fit-2 ta' Novembru 2009 (A/23309).

([4]) L-Artikolu 17 tal-"Att tat-30 ta' Lulju 1997 dwar Intrapriża tal-Istat ta' servizzi pubbliċi PP" li jiddikjara li "Il-Posta Pollakka għandha tirċievi … sussidji mill-baġit tal-Istat … għall-finanzjament tal-investimenti" ġie annullat. L-Art. 52.a ġdid fil-Liġi Postali ma jipprevedix il-possibbiltà li tiġi pprovduta għajnuna mill-Istat.

([5]) ĠU C 223, 16.9.2006, p. 11.

([6]) ĠU C 33, 15.2.2007, p. 9.

([7]) Din il-garanzija kkwalifikat bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat u, safejn tkopri l-attivitajiet kollha tal-PP hija mingħajr limitu ta' żmien u ambitu u mhix imħallsa, mhix kumpatibbli mas-suq komuni. Din l-għajnuna mill-Istat tikkwalifika bħala għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Anness IV.3 punt 1 tat-Trattat ta' Adeżjoni. Fil-25 ta' April 2007, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni lill-Polonja li tipproponi li tadotta miżuri adatti fir-rigward ta' din il-garanzija, skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999. Peress li l-awtoritajiet Pollakki diġà bdew il-proċedura leġiżlattiva mmirata biex tneħħi l-garanzija Statali favur PP li tirriżulta mill-impossibbiltà li PP ikun suġġett għal proċedimenti ta' falliment u daħlu fl-impenn li jneħħuha sat-30 ta' Ġunju 2008 bħala l-aħħar data, il-Kummissjoni sabet li l-awtoritajiet Pollakki indirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni u għalqet il-proċedimenti eżistenti ta' għajnuna skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 88 tat-Trattat tal-KE permezz tal-istess deċiżjoni. (Ara ĠU C 284, 27.11.2007).

([8]) *Dziennik Ustaw* Nru 180, punt 1109.

## II. DESKRIZZJONI DETTALJATA

### II.1. Il-benefiċjarju

(18) PP huwa l-operatur postali nazzjonali kurrenti, li ġie stabbilit fl-1 ta' Jannar 1992, permezz ta' Ordinanza mill-Ministru tal-Komunikazzjoni tal-4 ta' Diċembru 1991 u jirriżulta mit-trasformazzjoni tal-Uffiċċju tal-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet f'unitajiet postali u tat-telekomunikazzjoni.

(19) Permezz tal-"Att tat-12 ta' Ġunju 2003 – Liġi Postali" (minn hawn 'il quddiem "Il-Liġi Postali") ([9]), PP huwa inkarigat ([10]) bl-obbligu li jipprovdi s-servizz postali universali fit-territorju kollu tar-Repubblika tal-Polonja.

(20) Permezz tal-implimentazzjoni tal-*Istrateġija għall-Iżvilupp tal-PP għall-2004-2006*, PP ġie mibdul f'kumpanija holding. Bħala konsegwenza ta' dawn il-bidliet, il-grupp PP li jappartjeni lill-Istat huwa magħmul minn dawn is-sussidjarji:

— Bank Pocztowy S.A. li 75 % minnu jappartjeni lil PP (minn hawn 'il quddiem BP),

— Pocztylion-Arka Powszechne Towarzystwo Emerytalne S.A., fond ta' pensjoni li 33 % minnu jappartjeni lil PP,

— Pocztowa Agencja Usług Finansowych S.A. kumpanija tas-servizzi finanzjarji li 60 % minnha tappartjeni lil PP (minn hawn 'il quddiem PAUF),

— Post Media Serwis Sp. z o.o. ([11]), fornitur ta' servizzi ta' kiri formali li issa jiffoka fuq reklamar, attivitajiet ta' promozzjoni u pubblikazzjoni; jappartjeni totalment lil PP,

— Postdata S.A. (fornitur ta' sistemi tal-IT li 51 % minnu jappartjeni lil PP),

— Pocztowe Towarzystwo Ubezpieczeń Wzajemnych, assoċjazzjoni tal-assigurazzjoni reċiproka li tappartjeni totalment lil PP (minn hawn 'il quddiem PTUW).

(21) Fl-2007, il-kumpanija pprovdiet is-servizzi tagħha permezz ta' 8 692 uffiċċji tal-posta, li minnhom 53 % kienu jinsabu f'żoni rurali u 47 % f'żoni urbani. PP huwa l-akbar impjegatur fil-Polonja; fl-2006, impjega iktar minn 95 000 impjegati.

(22) PP huwa attiv l-aktar fis-settur postali. Il-kumpanija tipprovdi, minbarra s-servizz postali universali (riżervat u mhux riżervat), servizzi b'xejn li mhumiex ta' natura universali bħal servizzi ta' kunsinna espressa, filatelija, u distribuzzjoni tal-gazzetti jew servizzi ta' bejgħ dirett.

(23) Bħala riżultat tax-xejra li tonqos kontinwament fl-ammonti ta' servizzi postali pubbliċi, b'mod partikolari fl-uffiċċji rurali, sabiex jagħmel użu massimu mill-infrastruttura u r-riżorsi umani filwaqt li jirrispetta r-rekwiżit tiegħu ta' aċċessibbiltà obbligatorja, l-Uffiċċju Postali Pollakk ilu diversi snin jiżviluppa attivitajiet finanzjarji u attivitajiet kummerċjali oħra kif ukoll jikkoopera ma' xi kumpaniji finanzjarji jew tal-assigurazzjoni. Xi servizzi kummerċjali li jagħmlu telf qegħdin ikunu preżentement eliminati fil-kwadru tal-"programm korrettiv" imniedi fit-tmiem tal-2008. Barra minn hekk, il-Posta Pollakka qed timmira li żżid fil-ġejjieni qarib in-numru u l-ammont ta' servizzi provduti għall-Bank Pocztowy, PAUF u PTUW li, flimkien mal-proċedura kurrenti ta' negozjar mill-ġdid tal-prezzijiet tat-trasferiment għandhom, skont l-aspettazzjonijiet tal-Polonja, iwasslu fi ftit snin biex jiżguraw lill-grupp tal-PP riżultat sodisfaċenti mill-attivitajiet imwettqa f'isem dawn is-sussidjarji.

(24) L-attivitajiet finanzjarji tal-PP jinkludu l-bejgħ ta' prodotti li jappartjenu lill-Bank Pocztowy (sussidjarju tal-bank PKO BP u PP) jiġifieri self, kontijiet u depożiti, servizzi ta' kiri (permezz tas-sussidjarju tal-PP -Post Media Serwis), servizzi finanzjarji differenti inkluż trasferimenti ta' flus fil-kontijiet tal-bank, kunsinna ta' flus fid-dar tad-destinatarju forma ta' Istruzzjoni Postali ta' Ħlas bil-Flus, ġbir tal-ħlas tal-liċenzji tar-Radju u tat-TV u l-ipproċessar ta' ċekks bankarji maħruġa minn banek differenti u krediti tal-flus. PP huwa attiv ukoll fis-suq tal-assigurazzjoni bid-distribuzzjoni tal-prodotti tal-assigurazzjoni u finanzjarji minn intrapriżi li għandhom irbit tal-kapital ma' Poczta Polska, jiġifieri PAUF, OFE Pocztylion u TUW Pocztowe ([12]). PP imexxi wkoll fond ta' pensjoni bl-isem Pocztylion-Arka PTE S.A.

(25) Fl-aħħar nett, PP jipprovdi wkoll servizzi tal-IT permezz tas-sussidjarju tiegħu-Postdata u servizzi kummerċjali elettroniċi.

(26) Minn perspettiva organizzattiva, PP jikkonsisti ([13]) f'

— 4 unitajiet kummerċjali (ċentri ta' profitt): ċentru ta' servizzi postali; ċentru liċenzjat ta' servizzi; ċentru tal-loġistika u ċentru ta' netwerk postali,

— 5 unitajiet ta' sostenn: ċentru ta' informazzjoni teknoloġika; iċ-ċentru tal-infrastruttura; iċ-ċentru tas-servizzi finanzjarji, iċ-ċentru tal-ġestjoni tas-sikurezza u ċ-ċentru tal-kontabbiltà,

— id-direttorat ġenerali.

([9]) ĠU 130 (1188 kif emendat).

([10]) Art. 46.2 L-obbligu tat-twettiq tal-inkarigi tal-operatur pubbliku deskritti fil-Liġi Postali għandu jiġi fdat lil Poczta Polska.

([11]) Preżentement imsemmi POST-TEL Sp. z o.o. li jipprovdi wkoll servizzi tal-IT.

([12]) Pocztowa Agencja Usług Finansowych S.A. (PAUF), Otwarty Fundusz Emerytalny Pocztylion (OFE Pocztylion) u Pocztowe Towarzystwo Ubezpieczeń Wzajemnych (PTUW).

([13]) L-istruttura msemmija qabel riċentement ġiet organizzata mill-ġdid diversi drabi. Ħafna miċ-ċentri msemmija fuq għandhom fergħat reġjonali.

*Schemat 1*

**Schemat Organizacyjny Poczty Polskiej**

(Struktura organizacyjna obowiązująca do 31 lipca 2007r.)




(27) Matul is-sena finanzjarja 2006 PP kiseb fatturat ta' PLN 6 289 miljun ([14]), qligħ operattiv ta' PLN 146 miljun u qligħ nett ta' PLN 124 miljun. Sal-31 ta' Diċembru 2006 il-kapital proprju ammonta għal PLN 1 573 miljun, l-obbligazzjonijiet totali inkluż dispożizzjonijiet għall-obbligazzjonijiet PLN 2 597 miljun li PLN 1 525 miljun kienu l-obbligazzjonijiet kurrenti.

(28) Poczta Polska jipprovdi servizzi fi 3 tipi ta' attivitajiet:

— Attività bażika (servizzi postali universali, servizzi kuntrattati u servizzi kummerċjali),

— Attività anċillari (attivitajiet awżiljari mwettqa għall-bżonnijiet interni tal-PP ([15]) biex isostni attivitajiet, bejgħ u ġestjoni bażiċi eż. servizzi ta' trasport, protezzjoni tal-proprjetà u persunal li jittratta konvojs u ħażna tal-flus),

([14]) Jekk tittieħed stima tar-rata tal-kambju ta' 1 EUR = 4 PLN allura l-fatturat jammonta għal EUR 1 572 mil.

([15]) Jekk ikun hemm kapaċità ħielsa dawn l-attivitajiet bħat-trasport, servizzi ta' konċessjoni, produzzjoni anċillari jistgħu jiġu pprovduti lil klijent estern.

— Attività soċjali (provvista ta' servizzi lil impjegati bħal akkomodazzjoni, kantins, servizzi mediċi u edukattivi ([16])).

(29) Fl-2006 99 % mill-fatturat tal-PP ġie ġġenerat mill-attivitajiet bażiċi, li jikkonsistu f' (i) servizzi postali universali (riżervati u mhux riżervati), (ii) servizzi kuntrattati (l-akart servizzi postali oħra li jaqgħu 'l barra mill-ambitu tas-servizz postali universali, servizzi finanzjarji bħal pagamenti bil-flus fil-kontijiet tal-bank u l-ġestjoni tas-self u d-depożiti tal-Bank Pocztowy, il-ġestjoni tal-liċenzji tar-radju u tat-televixin u medjazzjoni fl-assigurazzjoni) u (iii) servizzi kummerċjali (l-aktar bejgħ ta' prodotti kummerċjali, filatelija, ordni bil-posta ta' kotba, kummerċ b'munita barranija).

## II.2. **Is-servizz postali universali fidat lil PP**

(30) Permezz tal-Artikolu 46(2) tal-Liġi Postali tat-12 ta' Lulju 2003 ([17]), PP huwa inkarigat bl-obbligu li jipprovdi servizz postali universali fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

(31) L-Artikolu 3(25) tal-Liġi postali jiddefinixxi bħala servizzi postali universali s-servizzi postali ta':

— tneħħija, trasport u kunsinna ta':

— ittri li jiżnu sa 2 000 gramma, inkluż ittri reġistrati u ittri assigurati b'valuri ddikjarati,

— pakketti postali li jiżnu sa 10 000 gramma, inkluż pakketti assigurati,

— oġġetti postali għall-persuni għomja,

— kunsinna ta' pakketti postali mibgħuta minn barra li jiżnu sa 20 000 gramma,

— ipproċessar tal-ordnijiet tal-flus postali.

ipprovduti fit-traffiku domestiku u internazzjonali fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja, b'mod konsistenti b'kundizzjonijiet kumpatibbli u għal prezzijiet li jintlaħqu, filwaqt li tinżamm il-kwalità mitluba mil-liġi u l-iżgurar tat-tbattil tal-kaxxa postali u l-kunsinna tal-oġġetti postali mill-inqas f'kull ġurnata tax-xogħul u mhux inqas spiss minn 5 darbiet fil-ġimgħa.

(32) Il-kundizzjonijiet għad-dispożizzjonijiet tas-servizz postali universali huma definiti mill-Ordinanza tal-Ministru tal-Infrastruttura tad-9 ta' Jannar 2004 dwar il-kundizzjonijiet għall-provvista tas-servizzi postali universali ([18]).

(33) Il-ħinijiet tal-kunsinna huma definiti kif ġej:

— ittri prijoritarji: D + 1 82 %, D + 2 90 %, D + 3 94 %,

— ittri mhux prijoritarji: D + 3 85 %, D + 5 97 %,

— pakketti prijoritarji: D + 1 80 %,

— pakketti mhux prijoritarji: D + 3 90 %.

(34) Uffiċċju postali għandu jitħaddem:

— Għal kull 7 000 abitanti f'żoni urbani,

— Għal kull 65 kilometru kwadru f'żoni rurali.

(35) Barra minn hekk kull kontea (gmina) ta' iktar minn 2 500 abitant għandu jkollha mill-inqas uffiċċju postali wieħed. Kontea b'inqas minn 2 500 abitant tista' tinqeda bl-uffiċċju postali tal-kontea ta' ħdejha jew uffiċċju postali mobbli sakemm dan jiżgura kwalità aqwa tas-servizz jew ikollu l-kunsens preċedenti tal-awtoritajiet lokali. Kull uffiċċju postali għandu jkun miftuħ mill-inqas 5 darbiet fil-ġimgħa.

(36) L-Artikolu 47 tal-Liġi Postali jiddefinixxi s-servizzi li huma riżervati għall-PP. Dawn is-servizzi huma:

— tneħħija, trasport u kunsinna ta':

— ittri domestiċi (preżentement li jiżnu mhux iktar minn 50 gramma),

— posta diretta domestika (preżentement li tiżen mhux iktar minn 50 gramma),

— oġġetti postali domestiċi oħra minbarra dawk imsemmija qabel, impustati b'tali mod li jkun impossibbli li jiġi eżaminat il-kontenut tagħhom (preżentement li jiżnu mhux iktar minn 50 gramma),

— tneħħija, trasport u kunsinna ta' posta internazzjonali (preżentement b'limitu ta' piż massimu ta' 50 gramma).

(37) Skont l-Artikolu 47 tal-Liġi Postali, il-miżati għall-provvista ta' servizzi postali universali għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward tal-ispejjeż tal-provvista tagħhom, għandhom ikunu uniformi fit-territorju kollu tal-pajjiż, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(38) Barra minn hekk is-sussidjar tas-servizzi postali universali li mhumiex riżervati bid-dħul mis-servizzi riżervati huwa espliċitament projbit fl-istess liġi.

([16]) Jekk ikun hemm kapaċità ħielsa dawn is-servizzi bħal servizzi mediċi, servizzi ta' forniment, kiri ta' kmamar għall-klijenti u faċilitajiet ta' taħriġ jistgħu jiġu provduti fuq bażi kummerċjali lil terzi persuni.

([17]) "L-obbligu tat-twettiq tal-inkarigi tal-operatur pubbliku deskritti fl-Att tal-Liġi għandhom jiġu fdati lil Poczta Polska".

([18]) ĠU Nru 5 (34) kif emendat.

(39) Skont l-Art 12 tal-"Att tat-30 ta' Lulju 1997 dwar l-Intrapriża Statali tas-servizz pubbliku PP" il-Posta Pollakka għandha tmexxi l-kummerċ tagħha fuq il-bażi tal-pjanijiet tagħha stess, billi ssegwi r-regola tal-effiċjenza fl-ispejjeż u l-effettività ekonomika.

(40) Fuq il-bażi tad-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-twettiq sħiħ tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji, il-Polonja għandha l-ħsieb li tneħħi l-monopolji legali fuq is-servizzi postali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

## II.3. **Il-miżura evalwata**

(41) Fuq il-bażi tal-Artikolu 17 tal-"Liġi tat-30 Lulju 1997 dwar l-Intrapriża Statali tas-servizz pubbliku PP" ([19]), fuq il-bażi tal-"Liġi Postali", tal-"Ordinanza tal-Ministru tal-Infrastruttura tad-9 ta' Jannar 2004 dwar il-kundizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi postali universali" u tal-"Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003", l-awtoritajiet Pollakki għandhom il-ħsieb li jagħtu sussidji lil PP biex jikkumpensaw għal telf potenzjali mġarrab b'rabta mal-provvista tas-servizz postali universali.

(42) Dawn is-sussidji se jingħataw *ex post* fuq il-bażi tat-telf possibbli reġistrat ta' ċerta sena finanzjarja, jekk applikabbli. L-ammont tas-sussidji għandu jkun limitat għall-ammont tat-telf imġarrab.

(43) L-ambitu tal-evalwazzjoni dettaljata tal-Kummissjoni tal-iskema ffoka fuq jekk il-miżura hix konformi mal-kundizzjonijiet ta' kumpatibbiltà stabbiliti fil-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi. Din il-verifika kkonċentrat l-aktar fuq il-kisba ta' assigurazzjoni raġonevoli li l-Istat mhux se jagħti wisq kumpens għall-ispejjeż netti addizzjonali ([20]) li Poczta Polska għandha ġġarrab fit-twettiq tal-obbligu tas-servizz pubbliku universali.

## III. **KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI**

(44) Ma tressqu ebda kummenti minn partijiet oħra interessati.

## IV. **KUMMENTI MILL-POLONJA**

(45) Il-Polonja ressqet il-kummenti tagħha matul l-investigazzjoni (ara l-premessa 17 fuq).

## IV.1. **Informazzjoni pprovduta**

(46) Il-Polonja ressqet informazzjoni dwar l-istruttura organizzattiva tal-PP, l-attivitajiet u s-swieq rilevanti li fihom hija attiva l-impriża (ara t-Taqsima II.1), leġiżlazzjoni applikabbli, regoli ta' kontabbiltà u metodoloġija pertinenti, dejta relevanti differenti u rapporti mill-awtorità Nazzjonali Regolatorja dwar il-konformità tas-sistema tal-kontabbiltà tal-ispejjeż mal-Art 52 tal-Liġi Postali u l-Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003 (minn hawn 'il quddiem l- "Ordinanza").

(47) B'mod iktar partikolari l-Polonja għamlet disponibbli għall-Kummissjoni leġiżlazzjoni rilevanti bħal-Liġi tat-30 ta' Lulju 1997 dwar l-Intrapriża Statali tas-servizz pubbliku PP, il-Liġi Postali tat-12 ta' Lulju 2003 u l-emenda sussegwenti tagħha, l-Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003 u l-Att tal-5 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tas-servizz pubbliku PP.

(48) Il-Polonja ressqet informazzjoni dettaljata dwar il-metodoloġija tas-separazzjoni tal-kontabbiltà u l-allokazzjoni tal-ispejjeż adottati mill-operatur postali sabiex tikkwantifika l-ispejjeż ([21]) tas-servizz postali universali.

(49) Il-Polonja bagħtet dejta dwar kategoriji differenti ta' spejjeż u dħul, riżultati skont il-qasam tal-attività ([22]), riżultati dettaljati għal servizzi individwali, dikjarazzjonijiet finanzjarji u tip ieħor ta' dejta finanzjarja.

(50) Ir-rapporti kollha tas-snin li għaddew ([23]) maħruġa kull sena mill-Awtorità Regolatorja Nazzjonali saru disponibbli għall-Kummissjoni.

## IV.2. **Is-sistema ta' kontabbiltà tal-PP**

(51) L-awtoritajiet Pollakki indikaw li s-sistema interna tal-kontabbiltà tal-PP taħdem fuq il-bażi ta' prinċipji ta' kontabbiltà tal-ispejjeż applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Postali li tittrasponi fil-leġiżlazzjoni Pollakka l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 97/67/KE li jimponi kontijiet separati fis-sistema interna ta' kontabbiltà tal-fornituri tas-servizz universali.

([19]) Permezz tal-"Att tal-5 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizazzjoni tas-servizz pubbliku PP" l-"Att tat-30 ta' Lulju 1997 dwar Intrapriża Statali tas-servizz pubbliku PP" ġie parzjalment annullat. Il-kontenut tal-Artikolu 17, li jikkonċerna sussidji lil PP għall-provvista ta' servizzi postali universali, ġie trasferit għal Artikolu 52a ġdid fl-Att eżistenti tat-12 ta' Ġunju 2003.

([20]) Il-Kummissjoni tqis li l-prezz nett addizzjonali tal-obbligu tas-servizz pubbliku huwa l-ispiża mġarrba fit-twettiq tal-obbligu tas-servizz pubbliku, b'kunsiderazzjoni tal-irċevuti rilevanti u qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi.

([21]) Ara "L-Istruzzjoni tal-Prezz tal-Kumpanija" li tistabbilixxi regoli tar-reġistrazzjoni u diviżjoni tal-prezz, il-metodu u l-frekwenza tal-kalkolu tal-metodi, stadji tal-ħlas tal-ispejjeż fit-tmiem ta' perjodu tal-kontabbiltà u regoli għall-istabbiliment tal-prezz ta' twettiq ta' servizz. Din tiddefinixxi wkoll l-ambitu tar-responsabbiltà ta' unitajiet organizzattivi.

([22]) Żona postali: servizzi universali riservati (SU), mhux riservati SU, u mhux SU; Żona tas-servizzi finanzjarji u servizzi oħra.

([23]) Sommarju jew rapporti kompluti pprovduti għas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007.

(52) Fuq il-bażi tal-Artikolu 52(1) ([24]) u l-Artikolu 52(2) ([25]) tal-Liġi Postali Pollakka, PP għandu jżomm il-kontijiet b'tali mod, li i) jippermetti li l-ispejjeż jiġu kkalkulati separatament, għal kull servizz riżervat, u kollettivament għal servizzi mhux riżervati (servizz universali kif ukoll servizzi mhux universali) kif ukoll ii) jippermetti l-kalkolu tal-ispejjeż tal-unità. Skont il-Liġi Postali, fl-24 ta' Diċembru 2003, il-Ministru tal-Finanzi ħareġ Ordinanza dwar il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-operatur li jipprovdi s-servizz postali universali ([26]). Din l-ordinanza ([27]), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004, timplimenta l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 97/67/KE.

(53) PP jaqsam is-sistema ta' kontabbiltà integrata tiegħu fi tliet kategoriji ewlenin:

a. Is-sistema ta' kontabbiltà finanzjarja: l-ispejjeż u d-dħul jiġu rreġistrati skont it-tip;

b. Is-sistema ta' kontabbiltà analitika: l-ispejjeż jiġu allokati fl-unitajiet organizzattivi tal-PP permezz ta' ċentri tal-ispejjeż;

c. Is-sistema ta' allokazzjoni diretta jew indiretta ta' spejjeż lill-prodotti.

IV.2.1. *Sistema ta' allokazzjoni tal-ispejjeż*

(54) Fis-sistema tal-kontabbiltà finanzjarja (a), l-ispejjeż jiġu rreġistrati skont it-tip ([28]).

(55) Fis-sistema tal-kontabbiltà analitika (b), ir-reġistri tal-kontabbiltà tal-ispejjeż u d-dħul ikopru:

— ċentri ta' responsabbiltà: jiġifieri l-unitajiet organizzattivi responsabbli għall-provvista tas-servizzi,

— kanali ta' distribuzzjoni: jiġifieri unitajiet responsabbli għall-bejgħ,

(56) Fis-sistema tal-allokazzjoni tal-ispejjeż għas-servizzi (c), l-ispejjeż huma maqsuma fi:

— spejjeż diretti: dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu direttament attribwiti għal servizz speċifiku fuq il-bażi ta' kejl dirett jew dokument tas-sors. Fl-2006, dawn irrappreżentaw […] (*) tal-ispejjeż totali tal-PP. Pereżempju, dawn l-ispejjeż jinkludu l-ispejjeż tal-formoli meħtieġa għal servizzi partikolari, ħlas finali lil amministrazzjonijiet postali barranin jew l-ispejjeż għat-tħaddim tal-unitajiet għall-ġestjoni tal-abbonamenti għall-RTV,

— spejjeż indiretti: dawn l-ispejjeż, li ma jistgħux jiġu direttament attribwiti għal servizzi huma miktuba fil-kontijiet tal-ispejjeż indiretti, u wara allokati fost servizzi li jużaw metodi ta' allokazzjoni speċifiċi. Fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż totali tal-PP. Il-kategoriji ewlenin tal-ispejjeż indiretti ([29]) huma:

(a) Spejjeż operattivi ([30]): fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż totali tal-PP. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw il-proċess teknoloġiku tal-għoti ta' servizzi bħal tneħħija, tqassim u kunsinna ta' oġġetti postali. Dan il-proċess jinvolvi l-akbar numru tal- ħaddiema tal-PP, li jispjega l-ammont għoli ta' dawn l-ispejjeż. Barra minn hekk, dawn l-ispejjeż jinkludu wkoll deprezzament u l-manutenzjoni tat-tagħmir użat fil-proċess tekonoloġiku, bħal magni tat-tqassim, ċineg tat-trasport, imwieżen, eċċ. L-ispejjeż operattivi huma allokati għal servizzi li jużaw metodi bbażati fuq il-ħin meħtieġ għall-provvista tas-servizzi. L-attivitajiet individwali mwettqa fl-uffiċċji postali, l-uffiċċji ewlenin u ż-żoni ta' kunsinna huma standardizzati ([31]). Fl-2006, PP għadd madwar 600 attività standardizzata li jiġu aġġornati regolarment. Fl-2006, l-evalwazzjoni kopriet 5 577 uffiċċju postali, 242 uffiċċju ewlieni u 23 800 żona ta' kunsinna;

(b) Spejjeż ta' trasport ([32]): fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż totali tal-PP. Dawn l-ispejjeż jinkludu l-ispejjeż tal-ġarr ta' merkanzija tal-posta miċ-Ċentru tal-Loġistika u l-ispejjeż tal-merkanzija postali li jġorru t-trasportaturi

---

([24]) "Operatur li jipprovdi servizzi postali universali għandu jiġi obbligat li jżomm kotba ta' kontabbiltà u kontabbiltà tal-ispejjeż b'tali mod li jippermetti l-kalkolu tal-ispejjeż: 1) separatament għal kull servizz mill-qasam tas-servizzi riżervati; 2) kollettivament għal servizzi mhux riżervati b'separazzjoni fuq: a) servizzi postali universali, b) servizzi li ma jappartjenux fil-kategorija tas-servizzi postali universali." "Ministru kompetenti għall-kwisjonijiet pubbliċi finanzjarji, wara konsultazzjoni mal-Ministru kompetenti għall-posta u t-telekomunikazzjonijiet għandu jistabbilixxi permezz ta' Ordinanza, il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispejjeż, fuq bażi tal-prinċipju, li dan il-metodu għandu jippermetti l-kalkolu tal-prezzijiet ta' unità, wara li jikkunsidra T-taqsima 1."

([25]) "Ministru kompetenti għall-kwisjonijiet pubbliċi finanzjarji, wara konsultazzjoni mal-Ministru kompetenti għall-posta u t-telekomunikazzjonijiet għandu jistabbilixxi permezz ta' Ordinanza, il-metodu tal- allokazzjoni tal-ispejjeż, fuq bażi tal-prinċipju, li dan il-metodu għandu jippermetti l-kalkolu tal-prezzijiet ta' unità, wara li jikkunsidra t-taqsima 1."

([26]) ĠU Nru 232 (2327).

([27]) Ara punt 2.1.1 sa punt 2.1.4 tal-Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003.

([28]) Taħt l-intestaturi li ġejjin: deprezzament, materjali użati, enerġija użata, servizzi tat-trasport, servizzi tat-tiswija, servizzi ta' terzi persuni, pagi, servizzi tal-impjegati, reklamar u pubbliċità, tas-sazzjoni u ħlas, servizzi bankarji, spejjeż tal-ivvjaġġar, mixxellanju.

(*) Sigriet kummerċjali.

([29]) Spejjeż marbuta ma' servizzi bbażati fuq liċenzji mhumiex spejgati aktar fit-test minħabba l-importanza minuri relattiva tiegħu jiġifieri […] tal-ispejjeż totali tal-PP.

([30]) Kontijiet 511 u 515: Spejjeż ta' ħlasijiet u żidiet fuq il-ħlasijiet; amortizzazzjoni tal-kompjuters u programmi tal-kompjuters; servizzi ta' telekomunikazzjoni; konsum tal-materjali u forom ta' esplojtazzjoni; tiswijiet u manutenzjoni tat-tagħmir postali.

([31]) Il-proċess tal-provvista ta' servizzi individwali fil-Posta Pollakka ġie maqsum f'attivitajiet dettaljati. Standard ta' ħin ta' ħidma li jispeċifika kemm huwa meħtieġ ħin biex titwettaq attività waħda ġie assenjat għal kull attività. Imbagħad, darba f'sena, titwettaq riċerka dwar l-ammont tax-xogħol, u matulha, jitniżżel in-numru ta' attivitajiet imwettqa. Wara, jiġi stmat il-ħin tal-ħidma standard li jittieħed għall-provvista ta' servizz partikolari.

([32]) Kont 512: Spejjeż marbuta mal-esplojtazzjoni tal-vaguni postali; spejjeż ta' ħlasijiet inkluż żidiet tal-gwardjani postali — relatati mat-trażmissjoni ta' oġġetti postali; spejjeż personali tal-impjegati responsabbli għall-vannijiet postali; spejjeż personali tal-impjegati tad-Dipartiment tal-Ġestjoni tal-Vaguni.

barranin. L-ispejjeż tat-trasport huma allokati għal servizzi li jużaw metodi bbażati l-aktar fuq il-piż ([33]) tal-oġġett postali trasportat;

(c) Spejjeż tal-manutenzjoni tan-netwerk ([34]): fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż totali tal-PP. Dawn l-ispejjeż jikkonċernaw il-manutenzjoni tal-uffiċċju postali, eż. kiri, enerġija, tagħmir, żamma u manutenzjoni tal-bini, tassazzjoni u ħlas. Skont il-Polonja dawn l-ispejjeż huma allokati fost it-tipi kollha tas-servizzi u mhux biss għas-servizzi postali pubbliċi li għalihom ġiet mibnija u hija miżmuma għalihom dik in-netwerk. Dawn huma attribwiti għal servizzi rigward is-somma ta' (i) spejjeż diretti u (ii) spejjeż operattivi indiretti flimkien ma' (iii) spejjeż indiretti tat-trasport diġà attribwiti għas-servizzi.

(d) Spejjeż indiretti oħra ([35]): fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż totali tal-PP. Dawn l-ispejjeż jinkludu b'mod partikolari l-ispejjeż taċ-Ċentru tal-Loġistika marbuta mal-kunsinna ta' pakketti u oġġetti li jitħallsu mal-kunsinna, il-kunsinna u l-ġbir ta' posta espressa, telegrammi, l-ispejjeż ta' servizzi ta' terzi persuni fit-tbattil tal-kaxex postali tagħhom, il-kunsinna tal-posta, posta mingħajr indirizz u servizzi ta' spedizzjoni u tqassim, l-ispejjeż tat-trasportazzjoni domestika bl-ajru u servizzi ta' terzi persuni. L-ispejjeż tal-kunsinna ta' dawn l-oġġetti huma allokati għal servizzi li jużaw metodi li huma bbażati l-aktar fuq reġistrazzjonijiet tan-numru ta' oġġetti kkonsenjati

— Spejjeż oħra (jew "Spejjeż ġenerali" ([36])): Dawn l-ispejjeż komuni jiġu allokati għal servizzi fuq il-bażi ta' allokatur ġenerali jiġifieri jiġu allokati proporzjonalment, allura skont il-perċentwali tażżieda fl-ispejjeż allokati preċedentement. Il-kategoriji ewlenin ta' dawn l-ispejjeż huma:

(a) Spejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' żvilupp ([37]): fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż tas-servizzi kollha. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw b'mod partikolari n-nefqa għall-finijiet tal-amministrazzjoni, il-kontabbiltà u l-finanzi ġenerali, kif ukoll spejjeż ta' żvilupp. Dawn jinkludu: deprezzament tal-bini, strutturi u fondi, kif ukoll magni u tagħmir kemm għall-użu ġenerali kif ukoll dawk li jikkostitwixxu tagħmir għal postijiet tax-xogħol tas-servizzi amministrattivi, l-ispejjeż tat-tħaddim u l-manutenzjoni tal-fondi amministrattivi u t-tagħmir tagħhom, ħlas u kontribuzzjonijiet lill-persunal, kartolerija u tagħmir tal-uffiċċji użat mill-persunal amministrattiv, l-ispejjeż tal-proġetti ta' żvilupp u implimentazzjoni u impriżi oħra implimentati fuq livell ċentrali. Dawn huma assenjati lil prodott permezz tal-metodoloġija "cost to cost" ([38]).

(b) Spejjeż tal-bejgħ u spejjeż kummerċjali: fl-2006, dawn irrappreżentaw […] tal-ispejjeż tas-servizzi kollha.

— Spejjeż tal-bejgħ ([39]): dawn huma l-ispejjeż li jappartjenu fil-bejgħ tas-servizzi, li jinkludu wkoll l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bejgħ, spejjeż kummerċjali u spejjeż ta' reklamar. L-ispejjeż tal-bejgħ huma assenjati għal servizzi li jużaw il-metodoloġija "cost to cost".

— Spejjeż kummerċjali ([40]): dawn huma l-ispejjeż imġarrba fit-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali, inkluż il-bejgħ u d-distribuzzjoni tal-prodotti kummerċjali fl-uffiċċji postali, f'pompi tal-petrol, f'buffets u oġġetti filateliċi. Dawn ġeneralment huma l-ispejjeż tal-ħażna ta' oġġetti kummerċjali, u l-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż materjali ta' din l-attività. Dawn l-ispejjeż jiġu assenjati lill-ispiża tax-xiri tal-oġġetti u l-materjali mibjugħa.

(c) Spejjeż finanzjarji: dawk l-ispejjeż finanzjarji marbuta mal-imgħax, id-differenzi fir-rati tal-kambju u l-kiri tal-mezzi tat-trasport u assi fissi oħra huma inklużi f'dan il-kalkolu tal-ispejjeż tas-servizzi. Fl-2006 dawn irrappreżentaw […] tal-ispiża totali tas-servizzi tal-PP.

(57) Il-kontabbiltà analitika tal-PP titwettaq fi ħdan il-kontabbiltà ġenerali.

(58) Parti konsiderevoli tal-ispejjeż fil-Posta Pollakka tikkostitwixxi spejjeż indiretti li għalihom hemm possibbiltà ta' identifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ispejjeż u l-kejl tagħhom. "Spejjeż oħra", li ma jistgħux jiġu klassifikati bħala diretti jew indiretti, huma allokati għas-servizzi fl-istadju tal-kalkolu tal-ispiża ta' unità b'mod proporzjonali mal-ispejjeż allokati preċedentement għal servizzi individwali ([41]).

([33]) Rekords tan-numru ta' oġġetti x piż ta' oġġett medju kif stabbilit mir-riċerka dwar l-istatistika.
([34]) Kont 510: Spejjeż ta' ammortizzazzjoni tal-bini, faċilitajiet, makkinarju u tagħmir applikati ġeneralment; spejjeż ta' kiri, taxxi tal-proprjetà reali, pagamenti għal drittijiet tal-użu tal-art; servizzi muniċipali; tiswija u manutenzjoni tal-bini u faċilitajiet; provvista tal-enerġija u tal-ilma; impjieg ta' gwardji tas-sigurtà postali fl-uffiċċji postali; spejjeż tat-tindif.
([35]) Kont 514: Spejjeż ta' servizzi esterni marbuta mal-kunsinna ta' pakketti u oġġetti postali mħallsa mal-kunsinna, oġġetti postali espressi, ġbir ta' posta mill-kaxex postali; spejjeż tal-manutenzjoni tad-Dipartimenti tat-Tħaddim u Sorveljanza Teknika, spejjeż ta' servizzi marbuta mal-kunsinna.
([36]) "Spejjeż oħra" huma spejjeż ta' natura ġenerali li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala spejjeż diretti jew indiretti.
([37]) Kont 551.
([38]) L-ispejjeż jiġu allokati proporzjonalment mal-ispejjeż allokati preċedentement fuq il-kontijiet tas-servizzi.
([39]) Kont 527.
([40]) Kont 513.
([41]) Il-Posta Pollakka qed tippjana li twettaq dalwaqt l-ewwel kalkolu tal-ispejjeż billi tuża l-mudell ABC. L-ispejjeż kollha jitniżżlu fil-kontijiet tal-grupp "5": 500-509 huma kontijiet ta' servizzi li fihom jitniżżlu l-ispejjeż tal-manifattura tas-servizzi individwali; 510, 511, 512, 514 huma l-kontijiet li fihom jitniżżlu spejjeż indiretti; 527 u 551 huma l-kontijiet li fihom jitniżżlu spejjeż oħra. Imbagħad l-ispejjeż imdaħħla fil-grupp tal-kontijiet "5" jiġu trasferiti fil-kontijiet 710-719.

(59) Il-metodoloġija tal-kalkolu tal-ispiża tal-unità ġiet suġġetta għal bidliet eż. l-ordni tal-allokazzjoni ta' "spejjeż oħra" imħallsa permezz taż-żieda fil-ħlas proporzjonalment mal-ispejjeż diretti u indiretti allokati preċedentement inbidlet ([42]). Il-kalkolu tal-ispiża tal-unità fil-Posta Pollakka jitwettaq miċ-Ċentru ta' Kontabbiltà tal-kumpanija.

**Il-mudell tal-kontabbiltà tal-PP**




IV.2.2. *Sistema ta' allokazzjoni ta' dħul*

(60) Id-dħul mill-bejħ joriġina mill-attivitajiet postali, finanzjarji u attivitajiet oħra ([43]) mwettqa mill-PP. Dħul finanzjarju jinkludi ġeneralment dividendi jew imgħax irċevuti (eż. fuq depożiti, debituri tan-negozju). Dħul ieħor operattiv jikkonsisti l-aktar fi dħul miksub mit-tneħħija ta' assi fissi mhux finanzjarji, kumpens għad-danni, rinunzji ta' dejn li għadhom ma tħallsux, kanċellament ta' provvisti mhux użati u dħul minn attivitajiet ta' benesseri soċjali.

(61) Dħul minn bejgħ jista' tipikament jiġi allokat direttament għal servizzi. Dħul finanzjarju u dħul operattiv ieħor li jistgħu jiġu assenjati direttament lil grupp ta' servizzi partikolari ġew allokati kif ġej:

— dħul finanzjarju minn differenzi fir-rata tal-kambju: li […] minnhom huma differenzi pożittivi fir-rata tal-kambju kkawżati bħala riżultat ta' ħlasijiet bejn l-amministrazzjonijiet għal oġġetti postali fil-fatturat barrani ġew assenjati lill-grupp ta' servizzi postali (universali u mhux universali) u l-[…] oħra tad-dħul direttament marbut mal-bejgħ tal-muniti ġew assenjati lit-tielet grupp "oħrajn" ([44]),

— dħul ieħor operattiv minn sussidji fuq servizzi suġġetti għal eżenzjoni statutorja minn ħlasijiet: ġew assenjati kompletament lil servizzi universali li rreferew għalihom l-eżenzjonijiet.

([42]) Fl-2007 l-ewwel "spejjeż finanzjarji" jiġu allokati u mbagħad tiġi kkalkulata ż-żieda fl-"ispejjeż tal-bejgħ u kummerċjali" u l-"ispejjeż ġenerali, amministrattivi u tal-iżvilupp". Fl-2006 it-tliet tipi kollha ta' "spejjeż oħra" ġew allokati simultanjament permezz tal-użu ta' żieda komuni fil-ħlas.

([43]) Eż. Bejgħ ta' prodotti kummerċjali miksuba bil-ħsieb li jinbiegħu f'għamla mhux ipproċessata, kemm bl-imnut kif ukoll bl-ingrossa, sevizzi ta' konsenja, bejgħ ta' drittijiet għal servizzi ta' trasport muniċipali, reklamar, bejgħ ta' servizzi ta' trasport u servizzi awżiljari oħra meta l-kapaċità taqbeż il-bżonnijiet interni, eċċ.

([44]) Bejgħ ta' oġġetti u materjali.

(62) Dħul finanzjarju u dħul ieħor operattiv li ma setax jiġi assenjat direttament lis-servizzi ġie assenjat lill-gruppi tas-servizz fi proporzjonijiet użati għall-allokazzjoni ta' spejjeż finanzjarji u spejjeż oħra operattivi għal dawn il-gruppi tas-servizz.

IV.2.3. *Dejta dwar spejjeż u dħul għat-tliet kategoriji tas-servizz tal-PP*

(63) Il-151 servizz tal-PP huma miġbura fi 3 makro-kategoriji: servizzi postali, servizzi finanzjarji u oħrajn. Kull wieħed mis-servizzi għandu kont separat. It-tqassim tal-ispejjeż u d-dħul tal-2006 fit-3 kategoriji tas-servizz ewlenin tal-PP jidher fl-Anness 1.

IV.3. **Assigurazzjoni addizzjonali fuq l-adegwatezza tas-sistema tal-kontabbiltà**

(64) Il-Liġi Postali tipprovdi ([45]) min-naħa waħda, li l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tiżgura b'mod korrett li l-PP iżomm reġistri ta' kontabbiltà skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Postali u tal-Ordinanza tat-23 ta' Diċembru 2003, u, min-naħa l-oħra, li l-kumpanija tal-verifika responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet tal-fornitur tas-servizz universali għandha tivverifika wkoll li l-kontijiet jikkonformaw mar-regoli msemmija qabel għal kontabbiltà separata.

(65) Skont il-Polonja, l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (UKE) evalwat effettivament, fost kwistjonijiet oħra, sa liema punt il-PP issodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 52 tal-Liġi Postali u r-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003. F'din l-eżaminazzjoni dejjem ġie konkluż li i) kalkolu tal-ispiża ta' unità jitwettaq għal kull servizz mill-qasam riżervat u ii) il-proċeduri tal-kalkolu tal-ispiża koprew separatament servizzi postali mhux riżervati u servizzi li ma jappartjenux lil servizzi postali universali jiġifieri l-PP żamm il-kotba tal-kontabbiltà tiegħu u d-dikjarazzjoni tal-ispiża konformi mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 52 Taqsima 1 tal-Liġi Postali. Barra minn hekk, l-awdituri kellhom assigurazzjoni raġonevoli fis-sena li PP alloka spejjeż għas-servizzi b'mod dirett u indirett u l-allokazzjonijiet twettqu skont il-metodu definit fir-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003 rigward il-metodu tal-qsim tal-ispejjeż imġarrba mill-operatur li jipprovdi servizzi postali universali.

(66) Bħala riżultat tal-verifika annwali mwettqa mill-Awtorità Nazzjonali Regolatorja ġabra ta' rakkomandazzjonijiet hija proposta fir-rapport. Skont il-Polonja proċeduri u linji gwida ġew introdotti fl-aħħar snin biex itejbu l-kwalità jew l-implimentazzjoni tal-metodi tal-allokazzjoni użati, eż. proċedura tal-kontroll tal-ispiża diretta ġiet introdotta fil-PP li fiha dawn l-inkarigi huma previsti li jseħħu (a) evalwazzjoni mill-ġdid ta' jekk ċertu tip ta' spiża diretta tistax isseħħ f'servizz partikolari (b) verifika tal-allokazzjoni korretta tal-ispejjeż diretti bejn is-servizzi, eż. is-servizzi riżervati u mhux riżervati, servizzi kummerċjali u prijoritarji (c) monitoraġġ tal-approċċ uniformi għar-reġistrazzjoni tal-ispejjeż diretti tas-servizzi f'kull wieħed mill-Fergħat Reġjonali taċ-Ċentru tal-Kontabbiltà u d) reviżjoni perjodika tal-ispejjeż ġenerali sabiex jiġu identifikati kwalunkwe spejjeż li mhumiex marbuta mal-provvista tas-servizzi postali.

IV.4. **Ammont ta' kumpens tal-OSU**

(67) Skont l-Art 52a.1 ([46]) tal-Liġi Postali PP għandu d-dritt li jirċievi kumpens għat-telf imġarrab fuq is-servizzi universali iżda dan l-ammont ma jistax jaqbeż id-differenza bejn l-ispejjeż tal-provvisti tas-servizzi postali universali u d-dħul miksub minn dawn is-servizzi (ara l-Art 52a.2 ([47])).

(68) Skont l-Art. 52a.4. "Is-sussidju għas-sena, li fiha t-telf imġarrab huwa mogħti sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena wara s-sena, li s-sussidju jirreferi għaliha, fuq il-bażi sottomessa mill-President tal-UKE, sat-30 ta' Novembru tas-sena ta' wara s-sena, li s-sussidju jirreferi għaliha, lill-Ministru kompetenti għall-posta u t-telekomunikazzjonijiet: 1) kopja tar-rapport finanzjarju tal-operatur pubbliku eżaminat mill-awditur, li huwa msemmi fl-Artikolu 52 paragrafu 6; 2) informazzjoni li l-kundizzjonijiet, kif imsemmi fl-Att tal-Liġi, skont liema s-servizzi universali huma assenjati, huma milħuqa; 3) informazzjoni li tikkonċerna rekwiżiti verifikati biex jinżammu kotba ta' kontabbiltà u kontabbiltà tal-ispejjeż, kif imsemmi fl-Artikolu 52 paragrafu 1 u 2.; 5. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33a għandhom ikunu rispettivament applikabbli għas-sussidju, kif imsemmi fil-paragrafu 1.".

(69) L-awtoritajiet Pollakki indikaw li ebda telf ma kien imġarrab għall-provvista tas-servizz postali universali fil-perjodu 1998-2008. Għaldaqstant, ma kien hemm ebda kumpens mill-Istat f'dak il-perjodu.

(70) Tqassim iktar dettaljat tar-riżultati tal-2006 fis-servizzi postali jidher fl-Anness 2.

([45]) Ara l-Artikolu 52 (Taqsima 4, 5 u 6).

([46]) Operatur pubbliku obbligat li jipprovdi servizzi postali universali, għandu jirċievi mill-baġit tal-Istat is-sussidju għas-servizzi postali universali pprovduti, jekk iġarrab telf.

([47]) L-ammont tas-sussidju għandu jiġi stabbilit fl-Att tal-Liġi — il-Liġi tal-Baġit, wara li jkun ikkunsidrat il-prinċipju, li l-ammont totali tas-sussidju ma jistax jaqbeż id-differenza bejn l-ispejjeż tal-provvisti tas-servizzi postali universali u d-dħul, li jinkiseb minn dawn is-servizzi.

(71) Skont il-figuri previsti għall-2009-2011 żieda netta hija mistennija li tiġi reġistrata fil-qasam UPS. Allura matul dan il-perjodu kollu tal-iskema, jiġifieri 2006-2011, PP huwa preżunt li ma jirċievi ebda kumpens għat-twettiq tal-obbligi tas-servizz postali universali (ara informazzjoni iktar dettaljata dwar spejjeż u dħul miksuba u mistennija li jinkisbu fil-qasam tas-servizz postali universali fl-Anness 3).

*Tabella 1*

*(Miljun PLN)*

| Servizzi postali universali | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul (A) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż (B) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Eċċess tal-UPS (A)-(B) (*) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |

(*) wara allokazzjoni kompleta tar-riżultati (inklużi riżultati finanzjarji u oħrajn operattivi) bl-eċċezzjoni ta' riżultati straordinarji.

## IV.5. **Konklużjoni**

(72) Il-Polonja kkwantifikat l-ispejjeż u d-dħul tas-servizz postali universali fuq il-bażi tas-separazzjoni tal-kontabbiltà u l-metodoloġija tal-allokazzjoni indikata hawn fuq.

(73) Il-Polonja indikat li b'kunsiderazzjoni ta' (i) l-informazzjoni pprovduta mill-Polonja dwar il-metodoloġija tal-kontabbiltà tal-ispejjeż u proċeduri marbuta, (ii) id-dejta provduta (iii) id-dispożizzjoni legali eżistenti għall-kumpens u (iv) in-nuqqas ta' inklużjoni ta' qligħ raġonevoli fil-bażi għall-kalkolu tal-ammont ta' kumpens, l-iskema ma tikkompensax iż-żejjed lill-PP għat-twettiq tal-obbligu tas-servizz pubbliku.

## V. **EVALWAZZJONI**

### V.1. **Kwalifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna mill-Istat**

(74) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

#### V.1.1. *Eżistenza tar-riżorsi Statali*

(75) Sabiex jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat, vantaġġi għandhom ikunu imputabbli lill-Istat u jkunu mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi Statali.

(76) Fil-każ in kwistjoni, il-kumpens li jingħata lill-PP għat-twettiq tal-obbligi universali postali tiegħu għandu jitħallas mill-baġit tal-Istat. Strumenti legali speċifiċi, bħal-"Liġi tat-30.7.1997 dwar l-Intrapriża Statali tas-servizz pubbliku PP", "Liġi Postali", l-"Ordinanza tal-Ministru tal-Infrastruttura tad-9 ta' Jannar 2004 dwar il-kundizzjonijiet għall-provvista tas-servizzi postali universali" u "Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003" huma l-bażi legali għall-għoti ta' dan il-kumpens.

(77) Għalhekk, iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi msemmija hawn fuq huma milħuqa fil-każ preżenti.

#### V.1.2. *Selettività*

(78) Barra minn hekk, l-Artikolu 107(1) TFUE jipprojbixxi għajnuna li "tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi", jiġifieri, għajnuna selettiva.

(79) Il-kumpens għandu jingħata esklussivament lill-PP, u għalhekk huwa selettiv.

#### V.1.3. *Vantaġġ*

(80) Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, miżura għandha tikkonferixxi vantaġġ lir-reċipjenti tagħha.

(81) Huwa evidenti mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li kumpens tas-servizz pubbliku ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE jekk jissodisfa ċerti kundizzjonijiet ([48]). Madankollu, jekk il-kumpens tas-servizz pubbliku ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet u jekk il-kriterji ġenerali għall-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) TFUE jiġu sodisfati, dan il-kumpens jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(82) Fis-sentenza tagħha f'Altmark, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet il-kundizzjonijiet skont liema l-kumpens tas-servizz pubbliku ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat kif ġej:

— "(…) L-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja trid tkun effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u tali obbliġi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar (…),

— (…) It-tieni nett, il-parametri li fuqhom huwa kkalkolat l-kumpens iridu jkunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti (…),

— (…) It-tielet nett, il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul relevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli (…),

([48]) Sentenzi fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* v *Nahverkehrsgesellschaft Altmark* (2003) Ġabra I-7747 u Kawżi Magħquda C-34/01 sa C-38/01 *Enirisorse* v *Ministero delle Finanze* (2003) Ġabra I-14243.

— (…) Ir-raba' nett, meta, f'każ speċifiku, l-impriża li għandha twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku mhijiex magħżula permezz ta' proċedura ta' appalt pubbliku li tippermetti li jintgħażel il-kandidat kapaċi li jipprovdi tali servizzi bl-inqas spiża għall-komunità, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż, li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-bżonnijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul relevanti kollu kif ukoll il-profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi."

(83) Meta jintlaħqu dawn l-erba' kriterji kumulattivi, il-kumpens tas-servizz pubbliku ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat għax ma jagħtix vantaġġ ekonomiku u l-Artikolu 107(1) u 108 TFUE ma japplikawx. Jekk l-Istati Membri ma jirrispettawx dawn il-kriterji u jekk jintlaħqu l-kriterji ġenerali għall-applikabbiltà tal-Artikolu 107(1) TFUE, kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, li għandha tiġi notifikata skont l-Artikolu 108(3) TFUE.

(84) Fil-każ in kwistjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-raba' kriterju ma ntlaħaqx.

(85) L-ewwel nett, is-servizz pubbliku ma ngħatax bħala riżultat ta' proċedura miftuħa tal-appalt pubbliku.

(86) Fit-tieni lok, la l-awtoritajiet Pollakki ma argumentaw li PP qed jiġi kkumpensat skont l-ispejjeż ta' impriża tipika fis-settur, u lanqas il-Kummissjoni ma hi f'pożizzjoni li tikkonkludi li l-ispejjeż ta' PP huma dawk ta' impriża tipika mmexxija tajjeb. Barra minn hekk, is-sussidji previsti jirreferu għal telf imġarrab. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-miżura selettiva in kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala waħda li tikkonferixxi vantaġġ fuq PP, li jista' jiġi kkwalifikat bħala vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

V.1.4. *Effetti negattivi fuq il-kummerċ u tfixkil tal-kompetizzjoni*

(87) L-Artikolu 107(1) TFUE jipprojbixxi wkoll għajnuna li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li twassal għal tfixkil jew theddida ta' tfixkil għall-kompetizzjoni.

(88) Fl-evalwazzjoni tagħha ta' dawk iż-żewġ kundizzjonijiet, il-Kummissjoni mhix mitluba tistabbilixxi li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li hemm attwalment tfixkil għall-kompetizzjoni, iżda li teżamina biss jekk dik l-għajnuna tistax taffettwa dak il-kummerċ u twassal għal tfixkil għall-kompetizzjoni ([49]). Meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu f'kummerċ fl-Unjoni, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn dik l-għajnuna.

(89) Mhuwiex meħtieġ li PP innifsu jkun involut fil-kummerċ fl-Unjoni. Għajnuna mogħtija minn Stat Membru lil impriża tista' tgħin biex iżżomm jew tnaqqas attività domestika, bir-riżultat li impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom inqas ċans li jippenetraw is-suq tal-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, it-tisħiħ ta' impriża li, sa dakinhar, ma kinetx involuta f'kummerċ fl-Unjoni jista' jqiegħed lil dik l-impriża f'pożizzjoni li tippermetti li din tippenetra fis-suq ta' Stat Membru ieħor.

(90) Fir-rigward tas-segment tal-ittri 'l barra mill-qasam riżervat, tliet operaturi għandhom liċenzja biex iwettqu dawn is-servizzi. Dawn il-kumpaniji huma PP, "Dystrybucja Polska Sp. z o.o" u "Indesys Dominik Steinhaus". Skont l-awtoritajiet Pollakki, il-pożizzjoni kurrenti ta' Poczta Polska fuq dan is-segment għadha b'saħħitha, għax wieħed mill-kompetituri ("Dystrybucja Polska Sp. z o.o.") jikkonċentra fuq id-distribuzzjoni ta' reklamar stampat u l-ieħor jillimita l-attivitajiet tiegħu għar-reġjun tal-Masovja.

(91) Is-segment tal-pakketti u s-servizzi tal-kurriera Pollakki huwa kompetittiv ħafna. Is-sehem fis-suq tal-PP tas-segment tal-pakketti jammonta għal […] u s-sehem fis-suq tiegħu tas-segment tal-kurrier għal […] ([50]). Kumpaniji li joperaw f'dan is-suq huma kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja mħallsa bi prezz għoli (DHL, TNT, UPS) jew kumpaniji li jipprovdu servizzi bażiċi (eż. General logistic systems, Opek, Schenker, X-Press Couriers, Blyskawica).

(92) Is-sehem ta' PP fis-segment tal-kunsinna tar-reklamar huwa ta' madwar […], filwaqt li fis-segment tal-formoli stampati mingħajr indirizz huwa ta' madwar […] ([51]). Minkejja l-[…] sehem fis-suq tal-PP, qed tiġi osservata politika aggressiva tal-kompetituri li qed jiżdiedu.

(93) Rigward servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni tfakkar li s-settur bankarju ilu miftuħ għall-kompetizzjoni għal ħafna snin. Liberalizzazzjoni progressiva żiedet il-kompetizzjoni li setgħet irriżultat diġà mill-moviment ħieles tal-kapital provdut fit-TFUE.

(94) L-attivitajiet finanzjarji tal-PP jinkludu l-bejgħ ta' prodotti li jappartjenu lill-Bank Pocztowy (sussidjarju tal-bank PKO BP) jiġifieri self, kontijiet u depożiti, servizzi ta' kiri (permezz tas-sussidjarja tal-PP-Post Media Serwis), servizzi finanzjarji differenti inkluż trasferimenti ta' flus f'kontijiet tal-bank, kunsinna ta' flus fid-dar tad-destinatarju fil-forma ta' Struzzjoni ta' Ħlas tal-Flus Postali, ġbir ta' miżati tal-liċenzja tar-Radju u tat-TV u pproċessar ta' ċekkijiet bankarji maħruġa minn banek differenti u krediti tal-flus. PP huwa attiv ukoll fis-suq tal-assigurazzjoni bid-distribuzzjoni ta' prodotti tal-assigurazzjoni u finanzjarji minn intrapriżi li għandhom rabtiet tal-kapital ma' Poczta Polska, jiġifieri PAUF, OFE Pocztylion u TUW Pocztowe. PP imexxi wkoll fond ta' pensjoni bl-isem Pocztylion -Arka PTE S.A.

([49]) Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti fil-Kawża C-372/97 l-*Italja* vs *il-Kummissjoni* (2004) Ġabra I-3679, paragrafu 44.

([50]) Figuri għall-2006.

([51]) Figuri għall-2006.

(95) Minħabba l-fatt li PP jiddistribwixxi prodotti tal-assigurazzjoni u finanzjarji minn kumpaniji sussidjarji jew kumpaniji marbuta dan huwa f'kompetizzjoni ma' banek oħra, kumpaniji tal-assigurazzjoni u intermedjarji. Barra minn hekk, fis-snin riċenti, PP kabbar b'mod sinifikanti l-medda tas-servizzi ta' ħlas tiegħu lill-klijenti, billi żied mal-għodda postali tradizzjonali serje ta' għodda li qabel kienu f'idejn il-banek (karti tad-debitu u tal-kreditu, trasferimenti ta' kreditu, servizzi ta' addebitu fil-kont għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma). Dawn l-evoluzzjonijiet żiedu s-sostitwibbiltà tas-servizzi finanzjarji offruti minn PP ma' dawk offruti mill-banek.

(96) Istituzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri differenti joperaw fil-Polonja, jew direttament permezz ta' fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi, jew indirettament billi jikkontrollaw banek u istituzzjonijiet finanzjarji bbażati fil-Polonja.

(97) Bħala konklużjoni, hemm kompetizzjoni fost kumpaniji minn Stati Membri differenti fis-settur tas-servizzi postali u finanzjarji. Il-kumpens tas-servizz pubbliku li jista' jingħata lil PP isaħħaħ il-pożizzjoni ta' PP fir-rigward ta' impriżi postali u finanzjarji stabbiliti fil-Polonja jew Stati Membri oħra li, bħala konsegwenza, jistgħu jsibuha aktar diffiċli biex jidħlu fis-suq Pollakk. Għalhekk il-miżura tista' twassal għal tfixkil tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

V.1.5. *Konklużjoni*

(98) Kwalunkwe kumpens mogħti skont din l-iksema lil PP jammonta għal għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-107(1) TFUE.

### V.2. **Evalwazzjoni tal-kumpatibbiltà tal-għajnuna**

(99) Kif imsemmi fit-Taqsima I fuq, wara d-Deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2007, il-proċedimenti skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE jibqgħu miftuħin mill-perjodu tal-1 ta' Jannar 2006, 'il quddiem.

(100) Il-punt 25 tal-qafas Komunitarju tal-2005 dwar għajnuna mill-Istat forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku ([52]) (minn hawn 'il quddiem il-"Qafas") jiddikjara li "Dan il-qafas għandu japplika għal perjodu ta' sitt snin mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*". Il-punt 26 tal-qafas jindika li "Il-Kummissjoni għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan il-qafas għall-proġetti ta' għajnuna kollha nnotifikati lilha u għandha tieħu deċiżjoni fuq dawk il-proġetti wara li l-qafas huwa ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali, anke jekk il-proġetti kienu nnotifikati qabel din il-pubblikazzjoni".

(101) L-għajnuna in kwistjoni kienet innotifikata mill-awtoritajiet Pollakki fil-proċedura tal-"mekkaniżmu interim" (ara d-Deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tal-25 ta' Ġunju 2005). Minn dan, isegwi li d-dispożizzjonijiet legali applikabbli għall-evalwazzjoni tal-kumpatibbiltà tal-iskema matul il-perjodu tal-2006-2011 huwa l-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku.

(102) Il-Kummissjoni tikkunsidra li, "fl-istadju kurrenti tal-iżvilupp tas-suq intern, il-kumpens tas-servizz pubbliku li huwa għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE jista' jkun iddikjarat kumpatibbli mat-Trattat skont l-Artikolu 106(2) jekk dan ikun meħtieġ għat-tħaddim tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u ma jaffettwax l-iżvilupp tal-kummerċ għal tali punt li jkun kuntarju għall-interessi tal-Unjoni".

(103) Sabiex tikseb dan il-bilanċ, il-Kummissjoni tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Qafas sabiex tevalwa l-kumpatibbiltà tal-każ in kwistjoni. Skont il-Qafas it-tliet kriterji bażiċi tal-kumpatibbiltà huma li (i) is-servizz in kwistjoni huwa servizz pubbliku ġenwin (jiġifieri l-kwalifikazzjoni tiegħu bħala servizz ta' interess ġenerali ekonomiku mhuwiex żball evidenti), li (ii) is-servizz jiġi assenjat lill-impriża permezz ta' att uffiċjali li jinkludi l-elementi speċifikati fit-Taqsima 2.3 tal-qafas Komunitarju imsemmi qabel, u li (iii) l-impriża ma tingħatax kumpens żejjed għall-provvista tas-servizz pubbliku (wara kunsiderazzjoni ta' qligħ raġonevoli).

V.2.1. *Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali*

(104) Kif indikat fil-Qafas, l-Istati Membri għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni rigward in-natura ta' servizzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Ix-xogħol tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li l-marġni ta' diskrezzjoni jiġi applikat mingħajr żball evidenti fir-rigward tad-definizzjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali.

(105) L-obbligu tas-servizz pubbliku inkarigat lil PP huwa s-servizz postali universali skont id-Direttiva Postali (ara t-Taqsima II.2 fuq). Il-provvista tas-servizzi postali universali fit-territorju Pollakk sabiex ikunu offruti lill-popolazzjoni Pollakka l-istess servizzi bażiċi bl-istess prezz huwa każ klassiku ta' SGEI.

(106) Konsegwentemnt, is-servizz postali universali fdat lill-PP jikkwalifika bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 106 TFUE.

V.2.2. *Il-ħtieġa ta' strument li jispeċifika l-obbligi tas-servizz pubbliku u l-metodi tal-kalkolu tal-kumpens (Affidament)*

(107) Kif indikat fil-Qafas, il-kunċett ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 86 tat-Trattat ifisser li l-impriża in kwistjoni ġiet fdata b'kariga speċjali. Ir-responsabbiltà tat-tħaddim tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali għandha tiġi fdata lill-impriża kkonċernata permezz ta' att uffiċjali wieħed jew iktar minn wieħed.

([52]) ĠU C 297, 29.11.2005.

(108) Fil-każ in kwistjoni, il-liġi Postali tat-12 ta' Lulju 2003 u l-"Ordinanza tal-Ministru tal-Infrastruttura tad-9 ta' Jannar 2004 dwar il-kundizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi postali universali" jikkostitwixxu l-istrumenti legali li jiddefinixxu u jafdaw lil PP is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali rappreżentat mis-servizz postali universali (ara t-Taqsimiet II.2, II.3 u IV.4 fuq).

(109) B'konformità mat-Taqsima 2.3 tal-qafas Komunitarju msemmi qabel, dawn l-atti jispeċifikaw, b'mod partikolari:

— in-natura preċiża tal-obbligi tas-servizz pubbliku (obbligu tas-servizz postali universali) (Art 3.25 tal-Liġi Postali),

— l-impriża (PP) u t-territorju kkonċernat (it-territorju nazzjonali kollu) (Art 3.25 tal-Liġi Postali),

— in-natura tad-drittijiet esklussivi assenjati lil PP (Art 46.2 tal-Liġi Postali).

(110) Filwaqt li l-Art 52 u 52.a tal-Liġi Postali u l-Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003 diġà stabbilew xi prinċipji dwar il-kumpens ([53]) dawn mhumiex suffiċjenti biex jiġi kkunsidrat li r-rekwiżit stabbilit fil-punt 12(d) u 12(e) tal-Qafas huwa totalment milħuq.

(111) Preżentement, skont il-punt 2.2 tal-"Ordinanza" it-tip ta' riżultati li għandhom jiġu allokati għal servizzi huwa limitat għal "Spejjeż ta' prodotti, prodotti u materjali mibjugħa", "Spejjeż ta' bejgħ", "Spejjeż ġenerali u amministrattivi" u "Imgħax minn obbligazzjonijiet li jiffinanzjaw servizzi postali inkluż differenzi fir-rati tal-kambju barranin". Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li mhux il-parametri kollha relevanti għall-kalkolu tal-kumpens ġew speċifikati fl-atti nazzjonali. Minħabba l-fatt li ċertu spejjeż u dħul ([54]) tħallew barra totalment fl-atti nazzjonali mil-lista ta' oġġetti li għandhom jiġu allokati għal servizzi, il-kontroll u r-reviżjoni sussegwenti tagħhom tħalliet barra wkoll (ara t-Taqsima V.2.3.3 isfel).

(112) L-Artikolu 52.a.4. jistabbilixxi xi rekwiżiti imposti fuq UKE sabiex jipproċedi bl-approvazzjoni ta' sussidju li jikkumpensa lill-operatur postali għat-twettiq tal-USO jiġifieri sottomissjoni preċedenti ta' 1) ir-rapport finanzjarju tal-operatur pubbliku eżaminat mill-awditur, 2) informazzjoni dwar it-twettiq tal-kundizzjonijiet ta' affidament u 3) informazzjoni li tikkonċerna rekwiżiti verifikati sabiex jinżammu kotba ta' kontabbiltà u kontabbiltà tal-ispejjeż kif imsemmi fl-Artikolu 52 paragrafu 1 u 2. Għall-istess raġunijiet spjegati qabel, peress li l-Artikolu 52.2 jagħmel referenza diretta għall-Ordinanza u din tispeċifika biss l-allokazzjoni ta' ċerti spejjeż għal servizzi, il-Kummissjoni tikkunsidra li mhux il-parametri kollha relevanti għall-kalkolu tal-kumpens ġew ikkunsidrati fl-att(i) nazzjonali relevanti. Konsegwentment, jekk mhux il-parametri kollha relevanti għall-kalkolu tal-kumpens ġew ikkunsidrati r-rekwiżit rigward l-ispeċifikazzjoni fl-atti nazzjonali relevanti tal-arraġamenti għall-evitar ta' kwalunkwe għoti ta' kumpens żejjed għandu jiġi kkunsidrat li ma ntlaħaqx totalment ukoll. L-ambitu limitat tal-verifiki annwali mwettqa kull sena jikkonferma dan il-fatt (ara spjegazzjonijiet addizzjonali fit-Taqsima V.2.3.5 isfel). B'mod analogu, id-dispożizzjonijiet eżaminati mill-Kummissjoni ma jidhirx li jinkludu xi arraġament dwar il-ħlas lura ta' kwalunkwe kumpens żejjed possibbli.

(113) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti rigward l-ispeċifikazzjoni fl-atti relevanti nazzjonali ta' i) il-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens (Artikolu 12(d) tal-Qafas) u ta' ii) l-arranġamenti għall-evitar u l-ħlas lura ta' kwalunkwe għoti ta' kumpens żejjed (Artikolu 12(e) tal-Qafas) ma ntlaħqux kompletament. Barra minn hekk, għar-raġunijiet spjegati qabel, il-Kummissjoni tqis li huwa adatt li tispeċifika b'mod ċar fl-att nazzjonali relevanti l-għan tal-verifika annwali, li huwa li tiżgura li ma jseħħ ebda għoti ta' kumpens żejjed.

(114) Bħala konklużjoni, l-affidabbiltà ma tinkludix l-elementi kollha mitluba mill-Qafas għall-għajnuna mill-Istat forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku, jiġifieri dawk imsemmija fil-punt 12d u l-punt 12e tal-Qafas. Konsegwentement, it-tieni kriterju jista' jitqies bħala milħuq parzjalment biss u għandhom jiġu adottati rimedji xierqa biex jinkludu l-ispejjeż u d-dħul imsemmija fil-punt 128.i) sabiex jiġi evalwat jekk l-għoti ta' kumpens lil PP skont il-miżura in kwistjoni huwiex meħtieġ u biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà ta' dak il-kumpens.

(115) L-analiżi tal-implimentazzjoni tal-iskema fit-Taqsima V.2.3 isfel għandha turi b'mod iktar ċar il-konsegwenzi fil-prattika ta' definizzjoni mhux kompluta tal-parametri u tal-arraġamenti għall-evitar tal-għoti ta' kumpens żejjed.

V.2.3. *Ebda għoti ta' kumpens żejjed*

(116) Skont l-Artikolu 14 tal-Qafas "(…) l-ammont tal-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż fit-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku, b'kunsiderazzjoni tal-irċevuti rilevanti u l-qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi." Dan jindika wkoll li "(…) l-ispejjeż li għandhom ikunu kkunsidrati jinkludu l-ispejjeż kollha mġarrba fit-tħaddim tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. (…) Meta intrapriża twettaq

([53]) Eż. L-ammont totali ta' kumpens ma jistax jaqbeż id-differenza bejn l-ispejjeż tal-provvista tal-UPS u d-dħul, li jinkiseb minn dawn is-servizzi. Ara spjegazzjonijiet addizzjonali fit-Ttaqsimiet II.2, II.3, IV.4 u V.3.3 ta' din id-Deċiżjoni.

([54]) Skont l-istess terminoloġija ntużata fil-Kont tal-Qligħ u Telf r-riżultati li jmiss ma kinux imsemmija fl-Ordinanza: jiġifieri "Dħul nett mill-bejgħ tal-prodotti, oġġetti u materjali", "Dħul operattiv ieħor", "Spejjeż operattivi oħra", "Dħul finanzjarju", "Spejjeż finanzjarji" u "Riżultati straordinarji" (li jikkorrispondu għall-punti A, G, H, J, K u M fil-"Kont tal-Qligħ u Telf").

ukoll attivitajiet barra l-ambitu tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, l-ispejjeż li huma assoċjati mas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali biss jistgħu jkunu kkunsidrati (…)".

(117) L-attivitajiet tal-PP mhumiex limitati għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ara t-Taqsima II.1 fuq).

(118) Sabiex jiġi konkluż li dan il-kriterju jkun intlaħaq hija meħtieġa f'dan il-każ il-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż tal-obbligu tas-servizz pubbliku (servizz postali universali) imposti fuq PP mill-atti ta' affidament u wara jitqabblu mal-vantaġġi li għandhom jingħataw lill-PP mill-Istat.

(119) L-Artikolu 52a tal-Liġi Postali Pollakka diġà jistqarr b'mod ċar il-projbizzjoni tal-għoti ta' kumpens żejjed "1. L-Operatur pubbliku obbligat li jipprovdi servizzi postali universali, għandu jirċievi mill-baġit tal-istat sussidju għas-servizzi postali universali provduti, jekk iġarrab telf. 2. L-ammont tas-sussidju għandu jkun stabbilit fl-Att tal-Liġi – il-Liġi tal-Baġit, wara li jkun ikkunsidrat il-prinċipju, li l-ammont totali ta' sussidju ma jistax jaqbeż id-differenza bejn spejjeż ta' provvisti ta' servizzi postali universali u dħul, li jinkiseb minn dawn is-servizzi…".

V.2.3.1. Riżultati attwalment miksuba

(120) Il-Kummissjoni sabet li s-somom ta' ċerti kategoriji ta' dħul u spejjeż indikati fil-kontabbiltà analitika kienu reġistrati wkoll fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Minħabba l-fatt li l-kontabbiltà analitika titwettaq fil-kontabbiltà finanzjarja ([55]) u din hija suġġetta kull sena għal verifika indipendenti, li ma rriżultat f'ebda osservazzjonijiet materjali, il-Kummissjoni m'għandha ebda raġuni biex tiddubita li d-dħul u l-ispejjeż interni ppreżentati seħħew attwalment.

V.2.3.2. Separazzjoni adegwata tal-kontijiet għall-iskop tal-kalkolu tar-riżultat nett tal-USO

(121) Peress li PP mhuwiex biss fornitur ta' Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI) iżda wkoll fornitur ta' servizzi kummerċjali oħra l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 97/67/KE jimponi obbligu fuq l-impriża biex tissepara l-kontijiet fil-kontabbiltà interna.

(122) Fuq il-bażi tal-Artikolu 52(1) tal-Liġi Postali, PP għandu jżomm il-kontijiet b'tali mod, li jippermetti li l-ispejjeż jiġuu kkalkulati separatament, għal kull servizz riżervat, u kollettivament għal servizzi mhux riżervati maqsuma f'servizzi postali universali u servizzi li mhumiex servizzi postali universali.

([55]) imfassal skont l-Att tal-Kontabbiltà tad-29 ta' Settembru 1994

(123) Il-Kummissjoni vverifikat li s-sistema tal-kontabbiltà interna tiddistingwi b'mod ċar il-kontijiet għal servizzi universali (maqsuma f'riżervati u mhux riżervati) u servizzi mhux universali. Il-Polonja ssottomettiet evidenza ta' din is-separazzjoni billi uriet riżultati permezz ta' kontijiet ta' servizz individwali u riżultati aggregati għal kull grupp ta' servizzi.

(124) Kif muri mill-informazzjoni provduta lill-Kummissjoni u mill-eżaminazzjoni annwali mwettqa mir-Regolatur Nazzjonali r-riżultati tal-PP huma kkalkulati għal kull servizz riżervat separatament ([56]) u kollettivament għal kull wieħed minn dawn il-gruppi i) servizzi postali universali mhux riżervati u ii) servizzi kummerċjali oħra (barra mill-SGEI) skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Liġi Postali.

(125) B'mod partikolari, għas-snin 2006 u 2007, ir-rapporti tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali jindikaw li PP, bħala operatur pubbliku fornitur ta' servizzi postali universali, wettaq iż-żamma tal-kotba tiegħu u l-kontabbiltà tal-ispejjeż b'tali mod li jagmel possibbli s-separazzjoni tal-ispejjeż għal kull servizz riżervat u kollettivament għal servizzi mhux riżervati, b'distinzjoni bejn servizzi postali universali u servizzi postali mhux universali skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52 (1) tal-Liġi Postali.

(126) Fuq il-bażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Polonja dwar is-separazzjoni tal-kontijiet tal-PP, bl-evidenza ta' verifika esterna mwettqa rigward id-diviżjoni korretta tal-kontijiet għal servizzi universali u mhux universali u dwar il-verifiki mwettqa mill-Kummissjoni jista' jiġi konkluż b'mod raġonevoli li l-qasma fil-kontijiet bejn attivitajiet kummerċjali u attivitajiet imħaddma mill-PP skont l-obbligi tas-servizzi pubbliċi hija adattata. Il-Kummissjoni hija għalhekk tal-opinjoni li PP jissepara b'mod adegwat il-kontijiet tiegħu b'tali mod li jagħmel il-kalkolu tal-ispejjeż possibbli separatament għal kull servizz mill-qasam riżervat u kollettivament għal servizzi mhux riżervati b'diviżjoni f'UPS u mhux UPS kif speċifikat fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 97/67/KE.

V.2.3.3. Allokazzjoni totali tal-ispejjeż u dħul għas-servizzi

(127) Bħala parti mill-eżaminazzjoni l-Kummissjoni wettqet test ta' kompletezza tad-dejta finanzjarja provduta billi qabblet id-dejta aggregata tal-PP mill-kontabbiltà analitika mal-Kont tal-Qligħ u t-Telf.

([56]) Bl-eċċezzjoni ta' "riżultati operattivi oħra", "riżultati straordinarji" u ċerti "riżultati finanzjarji" li kienu attribwiti biss lil grupp ta' servizzi wara li ntalbu mill-Kummissjoni.

(128) Il-Kummissjoni sabet li i) spejjeż u dħul minn ċerti kategoriji jiġfieri "riżultati operattivi oħra" ([57]), "riżultati straordinarji" u xi "riżultati finanzjarji" ma kienux distribwiti għal servizzi u li ii) l-Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003 kienet tillimita t-tip ta' spejjeż li għandhom jiġu allokati għal servizzi lil' "Spejjeż ta' prodotti, oġġetti u materjali mibjugħa", "Spejjeż ta' bejgħ", "Spejjeż ġenerali u amministrattivi" u "Imgħax minn obbligazzjonijiet li jiffinanzjaw servizzi postali inkluż differenzi fir-rati tal-kambju barranin". L-importanza relattiva ta' dawn l-ispejjeż u dħul, li għalihom allokazzjoni mhix prevista fid-dispożizzjonijiet nazzjonali, irrappreżentat 2.5 % u 1.5 % tat-totali rispettivi tagħhom fis-sena 2006. Għalkemm l-ispejjeż u d-dħul li ma kinux allokati għas-servizzi jistgħu jkunu kkunsidrati bħala marġinali fl-imgħoddi minħabba l-importanza relattiva tagħhom, l-importanza tagħhom tista' tkun materjali fil-ġejjieni.

(129) Madankollu, rigward l-imgħoddi, il-Polonja ssottomettiet informazzjoni ġdida li fiha dawn ir-"riżultati mhux allokati" ġew ex-post attribwiti għal servizzi universali (riżervati u mhux riżervati) u servizzi mhux universali (maqsuma f'servizzi postali, finanzjarji u servizzi oħra). Barra minn hekk, il-Polonja ssottomettiet spjegazzjoni tal-metodoloġija użata biex tallokahom għal servizzi. Dan kollu juri li PP tippreżenta metodoloġija raġonevoli sabiex jalloka dawk ir-riżultati.

(130) Il-kategoriji l-oħra ta' spejjeż u dħul interni ([58]) jistgħu jitqabblu mal-kont ta' Qligħ u Telf.

(131) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li d-distribuzzjoni sistematika lil servizzi tad-dħul u l-ispejjeż kollha msemmija fl-Artikolu 128.i) hija meħtieġa, b'konformità mal-prinċipju tal-allokazzjoni totali tar-riżultati u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Qafas.

V.2.3.4. Metodu korrett tal-allokazzjoni tal-ispejjeż u l-implimentazzjoni adegwat tiegħu

(132) Kif iddikjarat fuq l-Art 52(2) tal-Liġi Postali jitlob li l-"Ministru kompetenti għall-kwistjonijiet finanzjarji pubbliċi, f'konsultazzjoni mal-Ministru kompetenti għall-posta u t-telekomunikazzjonijiet għandu jistabbilixxi permezz ta' Ordinanza, il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispejjeż, fuq bażi tal-prinċipju, li dan il-metodu għandu jippermetti l-kalkolu tal-ispejjeż tal-unità, b'kunsiderazzjoni tat-taqsima 1".

(133) Skont l-Art 52(2) imsemmi qabel, fl-24 ta' Diċembru 2003, il-Ministru tal-Finanzi ħareġ Ordinanza dwar il-metodu għall-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-operatur li jipprovdi s-servizz postali universali li jimplimenta l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva.

(134) Ir-rapporti maħruġa mill-Awtorità Regolatorja Nazzjonali jindikaw li PP alloka spejjeż direttament jew indirettament lill-ispejjeż tas-servizzi provduti u wettaq din l-allokazzjoni kif stabbilit fl-Ordinanza tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Diċembru 2003 dwar il-metodu għall-allokazzjoni ta' spejjeż għall-fornituri ta' servizzi postali universali. L-Awtorità Regolatorja Nazzjonali kkonfermat kull sena li l-ispejjeż tal-PP kienu assenjati b'dan il-mod:

(i) spejjeż marbuta ma' servizz wieħed biss jew grupp ta' servizzi huma assenjati direttament lil dan is-servizz jew grupp ta' servizzi fuq il-bażi ta' vawċers ta' kontabbiltà;

(ii) spejjeż direttament marbuta ma' diversi servizzi huma assenjati għal kull servizz jew grupp ta' servizzi fuq il-bażi tal-analiżi tal-valur ta' fatturi li jikkawżaw ġenerazzjoni ta' spejjeż f'servizz partikolari jew grupp ta' servizzi;

(iii) fil-każ fejn mhuwiex possibbli li jkunu assenjati l-ispejjeż b'mod dirett, spejjeż marbuta ma' diversi servizzi huma assenjati għal kull servizz jew grupp ta' servizzi fuq il-bażi tar-relazzjoni tagħhom ma' grupp partikolari direttament konness ma' dan is-servizz jew grupp ta' servizzi;

(iv) fil-każ meta ma jkunx possibbli li jkunu assenjati spejjeż b'mod dirett jew indirett, spejjeż oħra huma assenjati lil kull wieħed mis-servizzi fuq il-bażi ta' indikatur ġenerali kkalkulat bħala proporzjon tal-ispejjeż assenjati direttament u indirettament għal servizz partikolari jew grupp ta' servizzi mal-ispiża totali assenjata għas-servizzi u l-gruppi tas-servizzi kollha.

(135) Għalkemm fl-2006 […] biss ta' spejjeż kienu kkunsidrati bħala spejjeż diretti l-Kummissjoni ma sabet ebda raġuni biex tiddubita d-diviżjoni korretta tal-ispejjeż fi spejjeż diretti u indiretti. Barra minn hekk, il-verifiki mwettqa mill-Awtorità Nazzjonali Regolatorja u l-awdituri kkonkludew li "il-kontroll tal-ispejjeż diretti ġie implimentat u jaħdem b'mod effettiv".

(136) Rigward spejjeż indiretti (ara Taqsima "IV.2.1. Sistema ta' allokazzjoni ta' spejjeż" fuq) il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-metodi użati biex jitqassmu l-kategoriji differenti ewlenin ta' spejjeż indiretti (jiġifieri spejjeż operattivi, spejjeż tat-trasport, spejjeż ta' manutenzjoni tan-netwerk u spejjeż indiretti oħra, għal servizzi, għalkemm ta' numru limitat, huma madankollu raġonevoli.

(137) Pereżempju, jidher raġonevoli li l-metodu użat biex jitqassmu "spejjeż operattivi" huwa "l-ħin ta' ħidma f'minuti użati għat-twettiq ta' servizzi partikolari" ([59]) minħabba d-diffikultà li jitniżżlu fil-kontijiet tas-servizzi l-ispejjeż għat-twettiq ta' attivitajiet ta' tneħħija, tqassim u kunsinna marbuta mal-provvista ta' servizzi differenti. Il-Kummissjoni hija konxja tal-introduzzjoni riċenti fis-sistema ta'

([57]) Eż. PP jirreġistra spejjeż operattivi oħra marbuta mal-kummerċ bħal telf fuq it-tneħħija ta' assi fissi mhux finanzjarji, spejjeż ta' produzzjoni mwaqqfa, provvista ta' servizzi bla ħlas, penali, multi u danni mħallsa, dispożizzjonijiet maħluqa fuq telf potenzjali u riskji raġonevoli fuq attivitajiet kummerċjali u spejjeż ta' attivitajiet ta' benesseri soċjali. Fl-2006 PP irreġistra madwar PLN 147 miljun bħala spejjeż operattivi oħra.

([58]) Ara sottomissjonijiet differenti ta' riżultati aggregati, bit-titolu "Riżultati fuq servizzi u attivitajiet tal-Posta Pollakka".

([59]) Jiġifieri f'ċentri ta' distribuzzjoni, fiċ-Ċentru tan-Netwerk Postali u fiċ-Ċentru tas-Servizz Postali.

kontabbiltà tal-PP ta' diviżjoni iktar preċiża ta' spejjeż operattivi flimkien ma' żieda fin-numru ta' metodi ta' allokazzjoni li għandhom itejbu l-preċiżjoni tal-informazzjoni tal-kontabbiltà interna.

(138) B'mod simili l-metodu tal-"piż tal-oġġett postali kkonsenjat" jidher aċċettabbli għad-distribuzzjoni tal-"ispejjeż tat-trasport". Għalhekk, għall-iskop tad-distribuzzjoni ta' spejjeż tat-trasport lil servizzi l-Kummissjoni taċċetta l-preżunzjoni wara l-metodu stabbilit li kull kilò ta' kwalunkwe servizz jfisser bl-istess mod l-element tal-ispiża tat-"trasport".

(139) Sabiex PP ikun jista' jwettaq id-distribuzzjoni ta' "spejjeż indiretti oħra" għal servizzi għandu jiġbor dejta dwar i) il-piż tal-oġġetti postali kkonsenjati, ii) l-ammont/in-numru tal-oġġetti postali kkonsenjati u iii) il-ħin ta' ħidma meħtieġ sabiex jitwettqu l-attivitajiet differenti. Dawn l-istatistiċi jinġabru permezz ta' "riżultati tar-riċerka statistika" ([60]), "ammonti tal-valuri tas-servizzi" ([61]) u "riċerka dwar l-ammont ta' xogħol" ([62]) rispettivament. Rigward ir-riċerka dwar l-ammont ta' xogħol din titwettaq darba fis-sena għal xahar u tkopri l-uffiċċji postali, iċ-ċentri tad-distribuzzjoni u r-reġjuni tal-kunsinna kollha. Il-proċess tal-provvista ta' servizzi individwali huwa maqsum f'attivitajiet dettaljati ħafna mwettqa mill-impjegati tal-PP li għahom huwa stimat standard ta' ħin ta' ħidma fuq bażi ta' din ir-riċerka. Il-Kummissjoni m'għandha ebda raġuni biex tiddubita l-korrettezza tal-perjodiċità tad-dejta miġbura.

(140) Fl-aħħar nett, l-attribuzzjoni ta' servizzi ta' "spejjeż għall-manutenzjoni tan-netwerk" rigward is-somma ta' i) l-ispejjeż diretti u ii) l-ispejjeż operattivi indiretti flimkien ma' iii) l-ispejjeż indiretti tat-trasport diġà attribwiti għal servizzi, għalkemm aċċettabbli, tidher li hi iktar 'il bogħod mir-rabta ta' kawżalità mill-allokazzjonijiet tal-ispejjeż imsemmija qabel.

(141) Minħabba n-natura tal-biċċa l-kbira mid-dħul iggwadanjat minn PP dawn jistgħu jiġu allokati direttament għas-servizzi. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tikkontestax l-allokazzjoni korretta ta' "dħul mill-bejgħ" għal servizzi.

(142) L-awtoritajiet Pollakki kellhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha ([63]), id-distribuzzjoni tar-riżultati kollha skont il-kategoriji tas-servizzi (servizzi universali maqsuma f'riżervati u mhux riżervati u servizzi mhux universali maqsuma f'servizzi postali, finanzjaji u servizzi oħra) kif ukoll spjegazzjoni tal-metodoloġija ntużata biex tallokahom għal servizzi. Il-fatt li l-informazzjoni meħtieġa ngħatat juri li din l-informazzjoni tal-kontabbiltà interna tista' tiġi provduta bil-livell tad-dettall meħtieġ. Il-Kummissjoni ma sabet ebda żball evidenti fil-metodoloġija applikata għall-allokazzjoni ta' "riżultati operattivi oħra" ([64]), "riżultati straordinarji" ([65]) u "riżultati finanzjarji" ([66]) għal grupp ta' servizzi.

(143) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li parti sinifikanti tal-ispejjeż tal-PP hija allokata għal servizzi permezz ta' spejjeż b'metodu ta' proporzjon (madwar […] tal-ispejjeż kollha ġew allokati għal servizzi proporzjonalment ma' servizzi allokati preċedentement notevolment dawk l-ispejjeż li jappartjenu fil-kategorija ta' "spejjeż oħra" jiġifieri "spejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' żvilupp", "spejjeż ta' bejgħ" u "ċerti spejjeż finanzjarji" ([67])). Konsegwenetement, għandhom isisru sforzi biex titnaqqas kemm jista' jkun ir-rilevanza tal-metodu ta' proporzjon fil-metodu tal-kalkolu tal-ispejjeż ta' PP sabiex tinkiseb rabta iktar b'saħħitha bejn spejjeż u servizzi. Fil-qosor, il-metodoloġija tal-allokazzjoni hija aċċettabbli iżda tista' tiġi mtejba jekk il-metodi tal-allokazzjoni użati jipprovdu kemm jista' jkun għal rabta bejn l-ispejjeż tar-riżorsi użati u s-servizz ġenerat minn dawk ir-riżorsi.

(144) F'dan ir-rigward, PP informa lill-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni regolari ta' dispożizzjonijiet dettaljati u

([60]) Fuq il-bażi tar-riċerka statistika dan li ġej huwa kkalkulat sabiex jiġi stmat il-piż/tip ta' oġġett postali: (1) massa medja ta' ittri u posta pubbliċitarja fil-fatturat domestiku u barrani (moviment 'il barra) b'diviżjoni f'oqsma riżervati u mhux riżervati, (2) massa medja ta' pakketti postali fil-fatturat domestiku u barrani (moviment 'il barra) b'diviżjoni f'servizzi universali u kuntrattwali, (3) massa medja ta' ittri u pakketti f'fatturat barrani (moviment 'il ġewwa), (4) indikaturi għad-diviżjoni ta' ittri u posta pubbliċitarja f'qasam riżervat u mhux riżervat u (5) struttura ta' taħlita ta' oġġetti postali uffiċjali (diviżjoni f'oġġetti postali ekonomiċi u prijoritarji) permezz tal-kontenut.

([61]) Sabiex jiġi stimat in-numru ta' oġġetti kkonsenjati/it-tip ta' servizz jew grupp ta' servizzi.

([62]) Sabiex jiġi stimat il-ħin tal-ħidma/it-tip ta' attività.

([63]) Is-sottomissjonijiet oripinali tar-riżultati ma allokawx ċerti riżultati (jiġifieri "riżultati operattivi oħra", "riżultati finanzjarji" u "riżultati straordinarji") għal servizzi. Wara t-talba tal-Kummissjoni l-awtoritajiet Pollakki pprovdew dejta aggregata li turi d-distribuzzjoni tar-riżultati kollha f'kategoriji ewlenin ta' servizzi.

([64]) "Spejjeż oħra operattivi" jiġu allokati proporzjonalment mal-ispiża tas-servizzi diġà allokata. "Dħul operattiv ieħor minn sussidji għas-servizzi suġġett għall-eżenzjoni statutarja mill-ħlasijiet" ġie assenjat kompletament lill-grupp ta' servizzi universali. Il-kumplament tad-"Dħul operattiv ieħor" jiġi allokat proporzjonalment mal-allokazzjoni ta' spejjeż operattivi oħra.

([65]) Fl-2008 "spejjeż straordinarji" (marbuta ma' telf imġarrab mill-uffiċċji postali fir-rigward ta' diżastri naturali) u "dħul straordinarju" (marbut mal-indennitajiet irċevuti wara diżastri naturali) ġew allokati għal grupp ta' servizzi bl-istess mod bħall-ispejjeż tan-netwerk postali.

([66]) Id-dħul finanzjarju (eskluż id-dħul li jista' jiġi assenjat direttament lil grupp ta' servizzi) ġie assenjat lil gruppi ta' servizz bil-proporzjonijiet użati għall-allokazzjoni ta' spejjeż finanzjarji.

([67]) Dawk l-ispejjeż finanzjarji marbuta mal-imgħax, id-differenzi fir-rati ta' kambju u l-kiri ta' mezzi ta' trasport u assi fissi oħra.

proċeduri ([68]) kif ukoll metodi ta' allokazzjoni iktar preċiżi sabiex jirriflettu r-rabtiet bejn il-kawża u l-effett bejn it-tipi ta' spejjeż imġarrba u l-allokazzjoni tagħhom għal servizzi sabiex tiġi mtejba s-sodezza f'termini tal-preċiżjoni tas-sistema tal-kontabbiltà interna. Għall-istess skop PP qed iħabrek ukoll biex jintroduċi kompletament il-Kalkolu tal-Ispejjeż fuq Bażi tal-Attivitajiet fil-ġestjoni tal-kontabbiltà tiegħu li ċertament għandu jtejjeb it-traċċabbiltà tal-ispejjeż tat-twettiq ta' attività għal servizzi.

(145) B'mod simili regoli speċifiċi tad-diviżjoni tal-ispejjeż f'diretti u indiretti kif ukoll regoli għall-kalkolu tal-metodi tad-diviżjoni jiġu aġġornati fuq bażi regolari, eż. fl-2007 Proċedura għall-Kontroll tal-Ispejjeż Diretti ([69]) ġiet imnedija bil-għan li tintroduċi regoli anqas ambigwi għall-kontroll ta' spiża sempliċi diretta u spiża diretta komuni reġistrati fil-kontijiet tas-servizz ([70]). Barra minn hekk, il-fatt li l-metodi tal-allokazzjoni għal spejjeż indiretti jiġu determinati fuq il-livell ċentrali ([71]) għandu jikkontribwixxi biex jiżgura applikazzjoni iktar omoġenja ta' dawk il-metodi fil-kumpanija kollha. Barra minn hekk, mill-1 ta' Jannar 2007 Unitjiet Organizzativi tal-Posta Pollakka li jikkalkolaw il-metodi tad-diviżjoni ġew obbligati li jissottomettu l-metodi liċ-Ċentru tal-Kontabbiltà. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-titjib li sar fl-ambjent tal-kontroll tal-PP, b'mod iktar partikolari rigward il-proċeduri ta' kontroll li jikkonċernaw ir-reġistrazzjonijiet ta' spejjeż diretti u indiretti.

(146) Barra minn hekk, l-Awtorità Nazzjonali Regolatorja qiegħda toħroġ rakkomandazzjonijiet biex telimina wkoll xi dgħufijiet oħra ([72]) li nstabu matul l-eżerċizzju tal-verifika annwali. Skont l-awtoritajiet Pollakki numru ta' rakkomandazzjonijiet espressi matul l-eżerċizzju tal-2005 u l-2006 diġà ġew implimentati ([73]) jew dalwaqt jiġu implimentati. Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li r-rakkomandazzjonijiet miftuħin kollha jiddaħħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun sabiex tinkiseb sistema ta' informazzjoni tal-kontabbiltà interna iktar soda.

(147) Konsegwentement, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja dwar il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispejjeż applikat, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Posta Pollakka tuża metodi ta' allokazzjoni b'rabta każwali raġonevoli bejn l-ispiża attribwita għal servizz u s-sors ta' dik l-ispiża. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi magħmula minn PP (i) biex isaħħaħ l-ambjent ta' kontroll marbut mal-informazzjoni tal-ġestjoni u (ii) biex itejjeb il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-ispiża, li huma l-bażi għall-kalkolu fil-ġejjieni tal-kumpens.

(148) Madankollu, kif imsemmi qabel fit-Taqsima V.2.3.3, sabiex jiġi kkalkulat b'mod korrett ir-riżultat nett għat-twettiq tal-Obbligu Postali Universali kif ukoll ir-riżultat barra l-UPS, għandu jiġi żgurat li ebda spiża jew dħul ma jibqa' ma jiġix allokat u li r-riżultati kollha ([74]) (dħul u spejjeż) jiġu allokati b'mod adegwat għal kull wieħed mis-servizzi riżervati u mhux riżervati fis-Servizz Postali Universali u lis-Servizz Postali mhux Universali.

V.2.3.5. Verifika annwali indipendenti

(149) Skont l-Art 52(3) tal-Liġi Postali l-operatur li jipprovdi s-servizzi postali universali għandu jissottometti lill-President tal-UKE dikjarazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti, li huma msemmija fit-Taqsima 1, kull sena, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena fir-rigward tas-sena preċedenti. Barra minn hekk il-President tal-UKE għandu jkun obbligat li jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti, li huma msemmija fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Art 52(4).

([68]) Eż. PP introduċa l-Istruzzjoni tal-Ispejjeż tal-Kumpanija fl-2006 li jgħaqqad u jiddeskrivi l-metodu tal-istrutturar tal-metodi għall-kontabbiltà ta' spejjeż indiretti u jiddeskrivi l-metodu tal-attribuzzjoni tal-ispejjeż lis-servizzi. L-Istruzzjoni tal-Ispejjeż tal-Kumpanija hija suġġetta għal aġġornamenti regolari. Barra minn hekk, skont il-proċedura tal-kontroll tal-ispiża diretta introdotta fl-2007 għal PP, l-istadji li ġejjin jitwettqu sistematikament: i) evalwazzjoni ta' jekk ċertu tip ta' spiża diretta tistax isseħħ f'servizz partikolari, ii) verifika tal-allokazzjoni korretta ta' spejjeż diretti bejn is-servizzi u iii) monitoraġġ tal-approċċ uniformi għar-reġistrazzjoni tal-ispejjeż diretti ta' servizzi f'kull wieħed mill-fergħat Reġjonali taċ-Ċentru tal-Kontabbiltà. Dawn il-linji gwida jinkludu wkoll il-proċedura li għandha tiġi segwita jekk jinstabu kwalunkwe irregolaritajiet.

([69]) Meta jirċievi l-evalwazzjoni tal-assi tal-karta tal-bilanċ mir-Reġistru Ewlieni relatat mal-prezz dirett ta' servizzi minn Fergħat Reġjonali, id-Dipartiment tal-Kalkolu tal-Ispejjeż fil-Kwartieri taċ-Ċentru tal-Kontabbiltà jevalwa possibbiltà tal-eżistenza ta' tip partikolari ta' prezz dirett għal servizz partikolari, jivverifika l-korrettezza tad-diviżjoni tal-ispejjeż diretti bejn is-servizzi u jivverifika jekk l-approċċ tar-reġistrazzjoni tal-prezz dirett huwiex koerenti b'mod partikolari Fergħat Reġjonali. Fil-każ ta' dubji marbuta mal-allokazzjoni tal-ispejjeż skont it-tip ta' servizz l-impjegat tad-Dipartiment tal-Kalkolu tal-Ispejjeż jitlob lill-Fergħa Reġjonali għal spjegazzjonijiet. L-unità reġjonali hija obbligata li terġa' tivverifika d-deskrizzjoni tad-dokument tas-sors li fuq il-bażi tiegħu tniżżel il-prezz fil-kotba u l-korrettezza tal-klassifikazzjoni tal-ispejjeż tkun ġiet evalwata. Jekk jirriżulta mill-verifika li l-ispiża ġiet rikonoxxuta korrettament id-Dipartiment tal-Kalkolu tal-Ispiża fil-Kwartieri taċ-Ċentru tal-Kontabbiltà jiġi infurmat. Jekk l-ispiża diretta ġiet assenjata b'mod mhux korrett lis-servizzi l-entratura tiġi korretta u l-informazzjoni rilevanti tiġi sottomessa lid-Dipartiment tal-Kalkolu tal-Ispejjeż.

([70]) Ara r-rapport tal-2007 mill-Awtorità Nazzjonali Regolatorja.

([71]) Mid-Dipartiment tal-Kalkolu tal-Ispejjeż fiċ-Ċentru tal-Kontabbiltà.

([72]) Eż. Dgħjufijiet fl-ambjent tal-kontroll intern bħan-nuqqas ta' proċeduri li japplikaw konsistentement metodi ta' allokazzjoni jew li jikkontrollaw il-kwalità tad-dejta tad-dħul, Simplifikazzjoni eċċessiva tal-metodi tal-allokazzjoni tal-ispejjeż.

([73]) Eż. PP introduċa l-Istruzzjoni tal-Ispejjeż tal-Kumpanija fl-2006 li tgħaqqad u tiddeskrivi l-metodu tal-istrutturazzjoni tal-metodi għall-kontabbiltà ta' spejjeż indiretti u tiddeskrivi l-metodu tal-attribuzzjoni tal-ispejjeż għas-servizzi. L-Istruzzjoni tal-Ispejjeż tal-Kumpanija hija suġġetta għal aġġornamenti regolari. Barra minn hekk, skont il-proċedura tal-kontroll tal-ispiża diretta introdotta fl-2007 f'PP, dawn l-istadji li ġejjin jitwettqu sistematikament: i) evalwazzjoni ta' jekk ċertu tip ta' spiża diretta tistax isseħħ f'servizz partikolari, ii) verifika tal-allokazzjoni korretta ta' spejjeż diretti bejn is-servizzi u iii) monitoraġġ ta' approċċ uniformi għar-reġistrazzjoni ta' spejjeż diretti tas-servizzi f'kull wieħed mill-Fergħat Reġjonali taċ-Ċentru tal-Kontabbiltà. Dawn il-linji gwida jinkludu wkoll il-proċedura li għandha titwettaq jekk jinstabu kwalunkwe irregolaritajiet.

([74]) "Riżultati operattivi oħra", "riżultati finanzjarji" u "riżultati straordinarji" għandhom ukoll ikunu allokati għal servizzi.

(150) L-"Operatur pubbliku għandu jkun obbligat jissottometti lill-President tal-UKE, mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena, fir-rigward tas-sena preċedenti, ir-rapport finanzjarju eżaminat mill-awditur, fl-ambitu konsistenti mal-Att tal-Liġi tad-29 ta' Settembru 1994 r. dwar il-kontabbiltà (Ġurnal tal-Liġi tas-sena 2002 Nru 76, pos. 694 u tas-sena 2003 Nru 60, pos. 535) u konsistenti mat-Taqsimiet 1 u 2".

(151) Kif iddikjarat qabel il-Kummissjoni rċeviet rapporti dettaljati miktuba kull sena mill-Awtorità Nazzjonali Regolatorja flimkien ma' awditur indipendenti dwar it-twettiq tar-rekwiżiti tas-separazzjoni tal-kontijiet u l-allokazzjoni tal-ispejjeż. Ġie konkluż f'dawk ir-rapporti li l-kontabbiltà interna tal-PP kienet ibbażata fuq prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati u, għalhekk, kienet addattata għall-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż żejda tas-servizz postali universali fdat lilu, b'konformità mal-Artikolu 14(3) tad-Direttiva postali.

(152) B'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kontabbiltà analitika titwettaq fil-kontabbiltà ġenerali huwa importanti bl-istess mod li din tal-aħħar tiġi riveduta wkoll. Kull sena d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-PP jiġu suġġetti għal verifika indipendenti (ara t-Taqsima V.2.3.1 fuq). Barra minn hekk, l-awditur għandu jissorvelja wkoll il-konformità tar-reġistrazzjonijiet tal-kontabbiltà mar-rekwiżiti dettaljati tal-Liġi Postali (jiġifieri l-Artikolu 52).

(153) Madankollu, il-fatt li r-rapporti annwali maħruġa mill-UKE flimkien ma' kumpanija ta' verifika indipendenti dejjem iddikjaraw li l-ambitu tal-verifika annwali indipendenti huwa limitat għall-evalwazzjoni ta' 'sa liema punt l-operatur pubbliku ssodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 52 tal-Liġi Postali u l-"Ordinanza" u dan huwa limitat għal eżaminazzjoni ta' ċerti tipi ta' spejjeż biss ([75]) juri li l-arranġamenti magħmula sa issa għall-evitar tal-għoti ta' kumpens żejjed mhumiex suffiċjenti jekk ir-rimedji msemmija fit-Taqsima V.2.3.3 fuq ma jiġux introdotti. Il-Kummissjoni tikkunsidra l-ambitu ta' din il-verifika bħala limitat wisq sabiex jiggarantixxi b'mod korrett it-twettiq tal-għan tal-verifika jiġfieri jiżgura li ebda għoti ta' kumpens żejjed ma jseħħ (ara l-punt 20 tal-Qafas u l-Artikolu 52.a tal-Liġi Postali ([76])).

(154) Għalhekk, kif diġà ddikjarat fuq fit-Taqsima V.2.2, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa meħtieġ li tinkludi fl-ambitu tal-verifika annwali "Dħul operattiv ieħor", "Spejjeż operattivi oħra", "Dħul finanzjarju", "Spejjeż finanzjarji" u "Riżultati straordinarji" kif ukoll "dħul mill-bejgħ".

(155) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-ambitu tal-verifika tal-kont għandu jitkabbar sabiex jiżgura li l-kategoriji kollha tal-ispejjeż u d-dħul rilevanti għall-kalkolu tal-ammont tal-kumpens għandhom jiġu kkunsidrati.

V.2.3.6. Ebda għoti ta' kumpens żejjed mistenni għall-2009-2011

(156) Skont il-previżjoni tal-kumpanija (ara l-figuri isfel) PP huwa mistenni wkoll li ma jġarrabx telf nett għat-twettiq tal-obbligu tas-servizz pubbliku fis-snin li ġejjin tal-iskema (ara informazzjoni iktar dettaljata fl-Anness 3). Konsegwentement, ebda kumpens ma huwa previst mill-iskema in kwistjoni għall-perjodu 2009-2011.

*Tabella 2*

*(000 PLZ)*

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul mill-obbligu tas-servizz pubbliku | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż tal-obbligu tas-servizz pubbliku | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Eċċess nett (*) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| % Marġni (Eċċess/dħul nett PSO) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |

(*) wara allokazzjoni totali tar-riżultati (inkluż riżultati finanzjarji u oħrajn operattivi) bl-eċċezzjoni ta' riżultati straordinarji.

(157) Kif jidher fuq l-eċċess nett ta' PP miksub mill-UPS qed jonqos kostantement sena wara sena. Minkejja din ix-xejra attwali PP ippreveda titjib kostanti ta' dan ir-riżultat finanzjaru għas-snin li ġejjin tal-iskema. Ir-raġunijiet li jispjegaw il-bidla fix-xejra huma bbażati fuq l-introduzzjoni ta' programm ta' ottimizzazzjoni tal-ispejjeż imniedi fit-tmiem tal-2008 li għandu jwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż u konsegwentement għal titjib gradwali tar-riżultati finanzjarji tal-PP. Dan il-programm iffoka mhux biss fuq il-qasam SGEI iżda wkoll fuq il-qasam kummerċjali tal-PP 'il barra mill-SGEI, eż. xi servizzi pprovduti skont l-attività awżiljari li tagħmel telf m'għandhomx jiġu offruti fil-ġejjieni. Barra minn hekk xi miżuri ġew imfassla biex iżidu d-dħul kemm ġewwa kif ukoll barra l-SGEI, eż. bejgħ ta' proprjetà attwali statli mhux meħtieġa, il-modernizzazzjoni ta' xi servizzi finanzjarji biex iżidu l-kompetittività tal-PP, eċċ.

([75]) Jiġifieri "Spejjeż ta' prodotti, oġġetti u materjali mibjugħa", "Spejjeż ta' bejgħ", "Spejjeż ġenerali u amministrattivi" u "Imgħax minn obbligazzjonijiet għall-iffinanzjar ta' servizzi postali inkluż differenzi fir-rari ta' skambju barranin" (Ara punt 2.2 tal-"Ordinanza").

([76]) […] wara kunsiderazzjoni tal-prinċipju, li l-ammont totali tal-kumpens ma jistax jaqbeż id-differenza bejn l-ispejjeż tal-provvisti tas-servizzi postali universali u d-dħul, li jinkiseb minn dawn is-servizzi.

(158) Il-preżunzjonijiet ewlenin magħmula biex jiġu kkalkolati l-figuri previsti qegħdin f'parametri bħal-livell ta' bidla mistenni fl-istruttura organizattiva, il-livell ta' prezzijiet għas-servizzi postali differenti, varjazzjonijiet fl-ispejjeż tax-xogħol u spejjeż oħra, in-numru ta' impjegati jew indikaturi makroekonomiċi (tkabbir fil-GDP, rata ta' qgħad, rata ta' inflazzjoni, rata ta' kambju EUR/PLN u USD/PLN).

(159) Barra minn hekk, kif diġà ssemma' qabel, għalkemm PP ikun awtorizzat skont il-Qafas li "jgawdi qligħ raġonevoli" l-awtoritajiet Pollakki avżaw lill-Kummissjoni li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, PP għandu jiġi kkumpensat biss għal telf imġarrab b'rabta mal-provvista ta' servizzi postali universali. Konsegwentement, l-ammont ta' kumpens ma għandux ikopri qligħ raġonevoli, li jrrappreżenta assigurazzjoni addizzjonali għall-ġejjieni li ma għandu jseħħ ebda għoti ta' kumpens żejjed.

(160) Il-Kummissjoni m'għandhiex raġuni biex tiddubita l-preżunzjonijiet magħmula biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż u d-dħul għas-snin li jifdal tal-iskema. Barra minn hekk, it-titjib li qed jiġi introdott regolarment fl-ambjent tal-kontroll u fis-sistema tal-kontabbiltà interna tal-PP jipprovdi assigurazzjoni addizzjonali tal-allokazzjoni korretta tar-riżultati lill-SGEI u 'l barra mill-SGEI.

(161) Peress li PP qed jippjana li dalwaqt jintroduċi mudell ġdid biex jikkalkola l-ispejjeż integrat fil-kalkolu tal-ispejjeż ibbażati fuq l-Attività (*Activity-based-costing*/ABC), il-Kummissjoni titlob li tiġi infurmata fit-tliet xhur mill-introduzzjoni tiegħu jew ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti ieħor fis-sistema interna ta' kontabbiltà tal-PP.

## VI. LIMITU TAŻ-ŻMIEN TAL-AWTORIZZAZZJONI

(162) Il-Polonja inizjalment talbet lill-Kummissjoni biex testendi l-investigazzjoni sal-2012. Madankollu, peress li r-regoli kurrenti għall-evalwazzjoni tal-kumpatibbiltà tal-kumpens tas-servizz pubbliku jiġifieri l-"Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku" se jiskadu fl-2011, l-awtoritajiet Pollakki jaċċettaw approvazzjoni tal-iskema sas-sena 2011.

(163) Fuq il-bażi ta' dak li ssemma' qabel, il-Kummissjoni tikkonkludi li, jekk jitħallas kumpens għat-twettiq tal-obbligu tas-servizz pubbliku skont l-iskema eżaminata fil-perjodu 2006-2011, dak il-kumpens għandu jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE li jkun kumpatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE sakemm il-kundizzjonijiet imsemmija qabel jiġu sodisfati.

## VII. KONKLUŻJONI

(164) Jirriżulta minn dak li ssemma qabel li l-iskema tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Qafas sabiex il-Kummissjoni tikkunsidra l-iskema kumpatibbli sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet: (1) Il-Polonja għandha ttejjeb id-definizzjoni tal-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens sabiex tiżgura li r-riżultati kollha jiġu attribwiti għal servizzi permezz tal-metodoloġija aċċettata, (2) il-Polonja għandha ttejjeb l-arranġamenti għall-evitar u l-ħlas lura ta' kumpens żejjed sabiex tiżgura li r-riżultati kollha relevanti għall-kalkolu tal-kumpens jiġu kkunsidrati u li arranġamenti xierqa għall-ħlas lura ta' kumpens żejjed ikunu fis-seħħ, u (3) il-Polonja tiżgura li l-metodu ġdid tal-allokazzjoni tal-ispejjeż jibqa' kumpatibbli mar-regoli tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/67/KE u f'dan ir-rigward għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistema ta' kontabbiltà interna tal-PP,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżura li l-Polonja introduċiet biex tagħti lil Poczta Polska kumpens għall-ispejjeż netti mġarrba fit-twettiq tal-obbligu tiegħu tas-servizz postali universali għall-perjodu 2006-2011 hija kkunsidrata kumpatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) TFUE suġġett għat-twettiq tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

Il-Polonja għandha tintroduċi d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex:

(1) ittejjeb id-definizzjoni tal-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens sabiex tiżgura li r-riżultati kollha jiġu attribwiti għal servizzi skont il-metodoloġija aċċettata;

(2) ittejjeb l-arranġamenti għall-evitar u l-ħlas lura ta' kumpens żejjed sabiex tiżgura li r-riżultati kollha relevanti għall-kalkolu tal-kumpens jiġu kkunsidrati u li jiġu implimentati arranġamenti xierqa għall-ħlas lura ta' kumpens żejjed;

(3) tiżgura li l-metodu ġdid tal-allokazzjoni tal-ispejjeż jibqa' kumpatibbli mar-regoli tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/67/KE u f'dan ir-rigward tinforma lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistema ta' kontabbiltà interna tal-PP.

*Artikolu 3*

Il-Polonja għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-miżuri meħudha biex jikkonformaw magħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lejn il-Polonja.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS 1*

A. **Spejjeż għas-sena 2006**

*(miljun PLN)*

| | | Servizzi postali | Servizzi finanzjarji | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | spejjeż diretti | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2. | spejjeż indiretti: | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2a | — spejjeż operattivi | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2b | — spejjeż tat-trasport | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2c | — spejjeż tal-manutenzjoni tan-netwerk | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2d | — spejjeż indiretti oħra | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 3 = 1 + 2 | SPIŻA TAL-PROVVISTA TAS-SERVIZZI | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 4. | spejjeż ġenerali u amministrattivi: | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5. | spejjeż ta' bejgħ u kummerċjali | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 6. | spejjeż finanzjarji | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 7. | Spejjeż operattivi oħra | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 8 = 3 sa 7 | SPEJJEŻ TOTALI | (…) | (…) | (…) | (…) |

*(%)*

| | | Servizzi postali | Servizzi finanzjarji | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | spejjeż diretti | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2. | spejjeż indiretti: | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2a | — spejjeż operattivi | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2b | — spejjeż tat-trasport | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2d | — spejjeż tal-manutenzjoni tan-netwerk | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2c | — spejjeż oħra indiretti | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 3 = 1 + 2 | SPIŻA TAL-PROVVISTA TAS-SERVIZZI | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 4. | spejjeż ġenerali u amministrattivi: | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5. | spejjeż tal-bejgħ u kummerċjali | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 6. | spejjeż finanzjarji | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 7. | Spejjeż operattivi oħra | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 8 = 3 sa 7 | SPEJJEŻ TOTALI | 100,0 | 100,0 | 100,0 | 100,0 |

B. **Dħul għas-sena 2006**

*(miljun PLN)*

| | | Servizzi postali | Servizzi finanzjarji | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Dħul mill-bejgħ | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2. | Dħul finanzjarju | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 3. | Dħul operattiv ieħor | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 4 = 1 sa 3 | DĦUL TOTALI | (…) | (…) | (…) | (…) |

*(%)*

| | | Servizzi postali | Servizzi finanzjarji | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Dħul mill-bejgħ | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2. | Dħul finanzjarju | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 3. | Dħul operattiv ieħor | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 4 = 1 sa 3 | DĦUL TOTALI | 100,0 | 100,0 | 100,0 | 100,0 |

*ANNESS 2*

**Riżultati fil-qasam tas-servizzi postali – Sena 2006**

*(bl-eluf PLN)*

| Speċifikazzjoni | | Servizzi postali | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Universali | | Total universali | Servizzi mhux universali | Servizzi postali totali |
| | | Riżervati | Mhux riżervati | | | |
| | | 1 | 2 | 3 = 1 + 2 | 4 | 5 = 3 + 4 |
| 1 | Dħul mill-bejgħ | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 2 | Dħul finanzjarju | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 3 | Dħul operattiv ieħor | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| A | Dħul totali<br>(A = 1 + 2 + 3) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 4 | Spejjeż diretti | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5 | Spejjeż indiretti<br>(5 = 5a + 5b + 5c + 5d) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5a | Spejjeż tal-esplojtazzjoni (teknoloġiċi tas-servizzi) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5b | Spejjeż tal-kunsinna ta’ oġġetti postali | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5c | Spejjeż fissi tal-manutenzjoni tan-netwerk postali | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 5d | Spejjeż oħra indiretti | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 6 | Spejjeż ġenerali tal-intrapriża | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 7 | Spejjeż tal-bejgħ | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 8 | Spejjeż finanzjarji | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| 9 | Spejjeż operattivi oħra | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| B | Spejjeż Totali<br>B = 4 + 5 + 6 + 7 + 8 + 9 | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| C | Riżultat<br>C = A – B | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |

*ANNESS 3*

**Riżultati tas-servizz postali universali – 2006-2011**

*Dħul tas-Servizz Postali Universali*

*(000 PLZ)*

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 (*) | 2010 (*) | 2011 (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul tal-obbligu tas-servizz pubbliku (**) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |

(*) figuri previsti.
(**) dħul straordinarju mhux inkluż.

*Spejjeż tas-Servizz Postali Universali*

*(000 PLZ)*

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 (*) | 2010 (*) | 2011 (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spejjeż tal-obbligu tas-servizz pubbliku (**) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż diretti | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż indiretti | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż operattivi (servizzi teknoloġiċi) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spiża tat-twettiq ta' kunsinni postali | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż fissi tal-manutenzjoni tan-netwerk postali | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż indiretti oħra | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż ġenerali (Spejjeż tal-intrapriża) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż tal-bejgħ | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż finanzjarji | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Spejjeż operattivi oħra | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |

(*) figuri previsti.
(**) l-ispejjeż straordinarji ma ġewx inklużi.

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 2/2010 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAT-TRASPORT BL-AJRU BEJN IL-KOMUNITÀ U L-ISVIZZERA STABBILIT BIL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

**tas-26 ta' Novembru 2010**

**li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru**

(2010/816/UE)

IL-KUMITAT TAT-TRASPORT BL-AJRU BEJN IL-KOMUNITÀ U L-ISVIZZERA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Anness għal din id-Deċiżjoni jissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim.

Magħmul f'Ġinevra, is-26 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea*
Daniel CALLEJA CRESPO

*Il-Kap tad-Delegazzjoni Svizzera*
Peter MÜLLER

*ANNESS*

Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim:

— Bis-saħħa tat-Trattat ta' Liżbona, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea għandha tissostitwixxi u tkun is-suċċessur tal-Komunità Ewropea;

— Kulfejn l-atti speċifikati f'dan l-Anness ikun fihom referenza għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, kif sostitwita mill-Unjoni Ewropea, jew rekwiżit għal rabta ma' dawn tal-aħħar, għall-għan ta' dan il-Ftehim, ir-referenzi għandhom jinftiehmu bħala li japplikaw b'mod indaqs għall-Isvizzera jew għar-rekwiżit ta' rabta mal-Isvizzera;

— Ir-referenzi għar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 u Nru 2408/92 li saru fl-Artikoli 4, 15, 18, 27 u 35 tal-Ftehim, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

— Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim, it-terminu "trasportatur tal-ajru Komunitarju" li ssir referenza għalih fid-Direttivi u fir-Regolamenti Komunitarji li ġejjin għandu jinkludi trasportatur tal-ajru li għandu liċenzja u għandu l-post prinċipali tal-kummerċ tiegħu u, jekk ikun il-każ, l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-Isvizzera skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1008/2008. Kwalunkwe referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 għandha tinftiehem bħala referenza għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Kwalunkwe referenza fit-testi li ġejjin għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat jew għall-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jinftiehmu li jfissru l-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-Ftehim.

1. **Liberalizzazzjoni tal-avjazzjoni u regoli oħra dwar l-avjazzjoni ċivili**

*Nru 1008/2008*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

*Nru 2000/79*

Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Arju (IACA)

*Nru 93/104*

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, kif emendata bi:

— Id-Direttiva 2000/34/KE

*Nru 437/2003*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru

*Nru 1358/2003*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru u li jemenda l-Anness I u II tiegħu

*Nru 785/2004*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani [inġenji tal-ajru], kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 285/2010

*Nru 95/93*

Ir-Regolament tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (l-Artikoli 1-12), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 793/2004

*Nru 2009/12*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (li għandha tiġi applikata mill-Isvizzera mill-1 ta' Lulju 2011)

*Nru 96/67*

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità

(l-Artikoli 1-9, 11-23, u 25)

*Nru 80/2009*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riżervazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89

2. **Regoli dwar il-kompetizzjoni**

*Nru 3975/87*

Ir-Regolament tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (l-Artikolu 6(3)), kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (l-Artikoli 1-13, 15-45)

*Nru 1/2003*

Ir-Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (l-Artikoli 1-13, 15-45)

(Sa fejn dan ir-Regolament huwa rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-inklużjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax it-tqassim tal-ħidmiet skont dan il-Ftehim)

Ir-Regolament Nru 17/62 ġie mħassar mir-Regolament Nru 1/2003, bl-eċċezjoni tal-Artikolu 8(3) li jibqa' japplika għad-deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 81(3) tat-Trattat qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sad-data tat-tmiem ta' dawk id-deċiżjonijiet.

*Nru 773/2004*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006

*Nru 139/2004*

Ir-Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)

(L-Artikoli 1-18, 19(1)-(2), u 20-23)

Fir-rigward tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, għandu japplika dan li ġej bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera:

1. Fir-rigward ta' konċentrazzjoni, kif definita fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004, li ma għandhiex dimensjoni Komunitarja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament u li tista' tiġi riveduta skont il-liġijiet nazzjonali dwar il-kompetizzjoni ta' mhux inqas minn tliet Stati Membri tal-KE u l-Konfederazzjoni Svizzera, il-persuni jew l-impriżi msemmija fl-Artikolu 4(2) ta' dak ir-Regolament jistgħu, qabel kwalunkwe notifika lill-awtoritajiet kompetenti, jinformaw lill-Kummissjoni tal-KE permezz ta' sottomissjoni motivata sabiex il-konċentrazzjoni tiġi eżaminata mill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tittrażmetti mingħajr dewmien lill-Konfederazzjoni Svizzera s-sottomissjonijiet kollha skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 u l-paragrafu preċedenti.

3. Fejn il-Konfederazzjoni Svizzera esprimiet nuqqas ta' qbil rigward it-talba għar-referenza tal-każ, l-awtorità Svizzera kompetenti fil-qasam tal-kompetizzjoni għandha żżomm il-kompetenza tagħha u l-każ ma għandux jiġi riferut mill-Konfederazzjoni Svizzera skont dan il-paragrafu.

B'referenza għal-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 4(4) u (5), l-Artikoli 9(2) u (6), u l-Artikoli 22(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet:

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tittrażmetti mingħajr dewmien lill-awtorità Svizzera kompetenti fil-qasam tal-kompetizzjoni d-dokumenti kollha rilevanti skont l-Artikoli 4(4) u (5), l-Artikoli 9(2) u (6), u l-Artikolu 22(2).

2. Il-kalkolu tal-limiti ta' żmien imsemmi fl-Artikoli 4(4) u (5), l-Artikoli 9(2) u (6), u l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 għandu jibda, għall-Konfederazzjoni Svizzera, mal-wasla tad-dokumenti rilevanti għand l-awtorità Svizzera kompetenti fil-qasam tal-kompetizzjoni.

*Nru 802/2004*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (l-Artikoli 1-24), kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006

*Nru 2006/111*

Id-Direttiva tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi

*Nru 487/2009*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 487/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru

3. **Sikurezza tal-avjazzjoni**

*Nru 216/2008*

Ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva Nru 2004/36/KE, kif emendata bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2009,

— Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009

L-Aġenzija għandha tgawdi, anki fl-Isvizzera, is-setgħa konferita lilha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

L-Aġenzija għandha tgadwi, anki fl-Isvizzera, is-setgħa konferita lilha għad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 14(5), (7), l-Artikolu 24(5), l-Artikolu 25(1), l-Artikolu 38(3)(i), l-Artikolu 39(1), l-Artikolu 40(3), l-Artikolu 41(3), (5), l-Artikolu 42(4), l-Artikolu 54(1) u l-Artikolu 61(3).

Minkejja l-adattament orizzontali pprovdut fit-tieni inċiż tal-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-"Istati Membri" fl-Artikolu 65 tar-Regolament jew fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni ma għandhomx jiftehmu bħala applikabbli għall-Isvizzera.

Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat fis-sens ta' trasferiment ta' setgħa lill-EASA biex taġixxi f'isem l-Isvizzera fl-ambitu ta' ftehimiet internazzjonali għal skopijiet differenti għajr dawk biex tgħinha fil-qadi tal-obbligi tagħha skont dawn il-ftehimiet.

Għall-finijiet tal-Ftehim, it-test tar-Regolament għandu jinqara b'dawn l-adattamenti:

(a) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Isvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità";

(ii) fil-paragrafu 2(a), il-kliem "jew l-Isvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità";

(iii) fil-paragrafu 2, jitħassru il-punti (b) u (c);

(iv) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Kulmeta l-Komunità tinnegozja ma' pajjiż terz sabiex tikkonkludi ftehim li jipprovdi li Stat Membru jew l-Aġenzija jistgħu joħorġu ċ-ċertifikati abbażi taċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet ajrunawtiċi ta' dak il-pajjiż terz, għandha tagħmel ħilitha biex tikseb għall-Isvizzera offerta ta' ftehim simili mal-pajjiż terz konċernat. Min-naħa tagħha, l-Isvizzera għandha tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi korrispondenti għal dawk tal-Komunità".

(b) Fl-Artikolu 29, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini Svizzeri li jgawdu mid-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom jistgħu jiġu impjegati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija."

(c) Fl-Artikolu 30, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"L-Isvizzera għandha tapplika għall-Aġenzija l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bħala l-Anness A għal dan l-Anness, skont l-Appendiċi għall-Anness A."

(d) Fl-Artikolu 37, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"L-Isvizzera għandha tipparteċipa b'mod sħiħ fil-Bord ta' Ġestjoni u fi ħdanu għandu jkollha l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ħlief id-dritt tal-vot".

(e) Fl-Artikolu 59, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"12. L-Isvizzera għandha tipparteċipa fil-kontribut finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1(b), skont il-formula li ġejja:

S (0.2/100) + S [1 - (a + b) 0.2/100] c/C

fejn:

S = il-parti tal-baġit tal-Aġenzija li mhux koperta mit-tariffi u imposti li jissemmew fil-paragrafu 1(c) u (d)

a = l-għadd ta' Stati Assoċjati

b = l-għadd tal-Istati Membri tal-UE

c = il-kontribut tal-Isvizzera għall-baġit tal-ICAO,

C = il-kontribut totali tal-Istati Membri tal-UE u tal-Istati Assoċjati għall-baġit tal-ICAO."

(f) Fl-Artikolu 61, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet relatati mal-kontroll finanzjarju eżerċitat mill-Komunità fl-Isvizzera li jikkonċernaw il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Aġenzija huma stabbiliti fl-Anness B għal dan l-Anness".

(g) L-Anness II għar-Regolament għandu jiġi estiż biex jinkludi l-inġenji tal-ajru li ġejjin bħala prodotti koperti bl-Artikolu 2(3)(a)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom ([1]):

A/c - [HB-IDJ] – tip CL600-2B19

A/c - [HB-IKR, HB-IMY, HB-IWY] – tip Gulfstream G-IV

A/c - [HB-IMJ, HB-IVZ, HB-JES] – tip Gulfstream G-V

A/c - [HB-XJF, HB-ZCW, HB-ZDF] – tip MD900.

*Nru 1108/2009*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva Nru 2006/23/KE

*Nru 91/670*

Id-Direttiva tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' liċenzji tal-persunal għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet fl-avjazzjoni ċivili

(l-Artikoli 1-8)

*Nru 3922/91*

Ir-Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (l-Artikoli 1-3, 4(2), (5-11, u 13)), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 1899/2006,

— Ir-Regolament (KE) Nru 1900/2006,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008

*Nru 94/56*

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-prinċipji fondamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti tal-avjazzjoni ċivili

(l-Artikoli 1-13)

([1]) ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

*Nru 2004/36*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sikurezza ta' ajruplani [inġenji tal-ajru] ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità (l-Artikoli 1-9, u 11-14), kif emendata l-aħħar bi:

— Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE

*Nru 351/2008*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2008 li jimplimenta d-Direttiva Nru 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji tal-ajru li jużaw ajruporti tal-Komunità

*Nru 768/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva Nru 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' inġenji tal-arju li jużaw ajruporti tal-Komunità u dwar il-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni

*Nru 2003/42*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili (l-Artikoli 1-12)

*Nru 1321/2007*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2007 li jistipula r-regoli ta' implimentazzjoni għall-integrazzjoni ta' tagħrif dwar okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili skambjat skont id-Direttiva Nru 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'depożitu ċentrali ta' tagħrif

*Nru 1330/2007*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2007 li jistipula r-regoli implimentattivi għat-tqassim lill-partijiet interessati ta' tagħrif dwar l-okkorrenzi tal-avjazzjoni ċivili msemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva Nru 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*Nru 736/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2006 dwar metodi ta' ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni

*Nru 1702/2003*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 335/2007,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/2005,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 706/2006,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 287/2008,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1057/2008,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1194/2009

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinftiehmu suġġett għall-aġġustament li ġej:

L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafi 3, 4, 6, 8, 10, 11, 13 u 14, id-data "it-28 ta' Settembru 2003" għandha tinbidel bil-kliem "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità u l-Isvizzera li tinkorpora r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fl-Anness għar-Regolament".

*Nru 2042/2003*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/2008,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 127/2010

*Nru 104/2004*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2004 li jniżżel [jistabbilixxi] ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea

*Nru 593/2007*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet [tariffi] u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, kif emendat l-aħħar bi:

— Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008

*Nru 2111/2005*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva Nru 2004/36/KE

*Nru 473/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*Nru 474/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2010 ([1])

4. **Sigurtà tal-avjazzjoni**

*Nru 300/2008*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002

([1]) Dan ir-Regolament għandu japplika fl-Isvizzera sakemm jibqa fis-seħħ fl-UE.

*Nru 272/2009*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 300/2008, kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2010

*Nru 1254/2009*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) tat-18 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà

*Nru 18/2010*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) tat-8 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x"jaqsam ma" speċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili

*Nru 72/2010*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri biex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni

*Nru 185/2010*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 357/2010,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 358/2010,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 573/2010,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 983/2010

*Nru 2010/774*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) tat-13 ta' April 2010 li tistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni li jinkludu t-tagħrif imsemmi fil-Punt (a) tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, [traduzzjoni mhux uffiċjali] kif emendata bi:

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2010/2604/UE,

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2010/3572/UE.

5. **Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

*Nru 549/2004*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament Qafas), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009

Il-Kummissjoni għandha tgawdi fl-Iżvizzera s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikoli 6, 8, 10, 11 u 12.

L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, il-kliem "fil-livell Komunitarju" għandhom jinbidlu bil-kliem "fil-livell Komunitarju, li jinvolvi l-Isvizzera".

Minkejja l-aġġustament orizzontali msemmi fit-tieni inċiż tal-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-"Istati Membri" fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 jew fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni ma għandhomx jinftiehmu bħala applikabbli għall-Isvizzera.

*Nru 550/2004*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-Forniment ta' Servizz), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009

Il-Kummissjoni għandha tgawdi, fir-rigward tal-Isvizzera s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikoli 9a, 9b, 15a, 16 u 17.

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu l-kliem "u l-Isvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafi 1 u 6, għandhom jiddaħħlu l-kliem "u l-Isvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

(c) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu l-kliem "u l-Isvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

(d) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu l-kliem "u l-Isvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

(e) L-Artikolu 16(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri u tinforma lill-fornitur tas-servizz tagħhom, safejn hija legalment konċernata".

*Nru 551/2004*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-Ispazju tal-Ajru), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009

Il-Kummissjoni għandha tgawdi fl-Iżvizzera s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikoli 3a, 6, u 10.

*Nru 552/2004*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbiltà tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament tal-Interoperabbiltà), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009

Il-Kummissjoni għandha tgawdi fl-Isvizzera s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikoli 4, 7 u 10(3).

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu l-kliem "jew l-Iżvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 4, għandhom jiddaħħlu l-kliem "jew l-Iżvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

(c) L-Anness IIIgħandu jiġi emendat kif ġej:

Fit-taqsima 3, it-tieni u l-aħħar inċiż, għandhom jiddaħħlu l-kliem "jew l-Isvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

*Nru 2096/2005*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 482/2008,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 668/2008.

Il-Kummissjoni għandha tgawdi fl-Isvizzera s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikolu 9.

*Nru 2150/2005*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*Nru 1033/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-proċeduri għall-pjanijiet ta' titjir fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*Nru 1032/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2006 li jistipula rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi għall-iskambju ta' tagħrif dwar it-titjiriet bejn ċentri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-iskopijiet ta' notifikazzjoni, koordinazzjoni u trasferiment ta' titjiriet, kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 30/2009

*Nru 1794/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (li għandha tiġi applikata mill-Isvizzera sa mid-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni Svizzera rilevanti iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012)

*Nru 2006/23*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru

*Nru 730/2006*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2006 dwar il-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru u l-aċċess tat-titjiriet VFR 'il fuq mil-livell 195 ta' titjir

*Nru 219/2007*

Ir-Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR), kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008

*Nru 633/2007*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2007 li jistipula rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' protokoll ta' trasferiment ta' messaġġ tat-titjira użat għan-notifika, il-koordinazzjoni u t-trasferiment ta' titjiriet bejn ċentri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

*Nru 1265/2007*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi rekwiżiti għal spazjar tal-kanali vokali mill-ajru għall-art għall-Ajru Uniku Ewropew

*Nru 29/2009*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew

*Nru 262/2009*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għall-Ajru Uniku Ewropew

*Nru 73/2010*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2010 li jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew

*Nru 255/2010*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru.

6. **Ambjent u Storbju**

*Nru 2002/30*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss [storbju] fl-ajruporti tal-Komunità (l-Artikoli 1-12, u 14-18)

(L-emendi fl-Anness I, li jirriżultaw mill-Anness II, il-Kapitolu 8 (il-Politika tat-Trasport), it-Taqsima G (it-Trasport bl-Ajru), il-punt 2 tal-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, għandhom japplikaw).

*Nru 89/629*

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni tal-emissjoni ta' ħsejjes [storbju] minn ajruplani ċivili jet subsoniċi

(l-Artikoli 1-8)

*Nru 2006/93/KE*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II,il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988).

7. **Ħarsien tal-konsumaturi**

*Nru 90/314*

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż.

(l-Artikoli 1-10)

*Nru 93/13*

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur.

(l-Artikoli 1-11)

*Nru 2027/97*

Ir-Regolament tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbilità ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (l-Artikoli 1-8), kif emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) Nru 889/2002

*Nru 261/2004*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91

(l-Artikoli 1-18)

*Nru 1107/2006*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru.

8. **Mixxellanju**

*Nru 2003/96*

Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku

(l-Artikolu 14(1)(b) u l-Artikolu 14(2)).

9. **Annessi**

A: Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea

B: Dispożizzjonijiet dwar il-kontroll finanzjarju eżerċitat mill-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' parteċipanti mill-Isvizzera fl-attivitajiet tal-EASA

*ANNESS A*

**PROTOKOLL DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI,

FILWAQT LI JIKKONSIDRAW li, skont l-Artikolu 343 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("KEEA"), l-Unjoni Ewropea u l-KEEA għandhom igawdu fit-territorji tal-Istati Membri l-privileġġi u l-immunitajiet meħtieġa għat-twettiq ta' ħidmiethom,

WARA LI QABLU dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika:

KAPITOLU I

**PROPRJETÀ, FONDI, ASSI U OPERAZZJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA**

*Artikolu 1*

L-istabbilimenti u l-binjiet tal-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli. Dawn għandhom ikunu eżentati minn tfittxija, rekwiżizzjoni, konfiska jew esproprjazzjoni. Il-proprjetà u l-assi tal-Unjoni ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe miżura amministrattiva jew legali li tirrestrinġi mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

*Artikolu 2*

L-arkivji tal-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli.

*Artikolu 3*

L-Unjoni, l-assi, id-dħul u proprjetà oħra tagħha għandhom ikunu eżenti mit-taxxi diretti kollha.

Il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom, fejn hu possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa biex jagħmlu rimessa jew jirrimborżaw l-ammont ta' taxxa indiretta jew taxxa fuq il-bejgħ inkluża fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Unjoni tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xiri sostanzjali li l-prezz tiegħu jkun jinkludi taxxa ta' din ix-xorta. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jiġu applikati, madankollu, biex ikollhom effett li jikkaġunaw distorzjoni tal-kompetizzjoni fl-Unjoni.

L-ebda eżenzjoni ma għandha tingħata fir-rigward ta' taxxi u tariffi oħra dovuti li jammontaw sempliċiment għall-imposti għal servizzi ta' utilità pubblika.

*Artikolu 4*

L-Unjoni għandha tkun eżenti minn dazji doganali, projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet kollha fir-rigward ta' oġġetti intenzjonati għall-użu uffiċjali tagħha: ħadd ma għandu jiddisponi minn oġġetti importati b'dan il-mod, sew jekk bi ħlas jew mingħajr ħlas, fit-territorju tal-pajjiż li fih ikunu ġew importati, ħlief taħt kundizzjonijiet approvati mill-gvern ta' dak il-pajjiż.

L-Unjoni għandha wkoll tkun eżenti minn kwalunkwe dazju doganali u kwalunkwe projbizzjoni u restrizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħha.

KAPITOLU II

**KOMUNIKAZZJONIJIET U *LAISSEZ-PASSER***

*Artikolu 5*

Għall-komunikazzjonijiet u t-trażmissjonijiet uffiċjali tad-dokumenti kollha tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom igawdu fit-territorju ta' kull Stat Membru t-trattament mogħti minn dak l-Istat għall-missjonijiet diplomatiċi.

Il-korrispondenza uffiċjali u komunikazzjonijiet uffiċjali oħrajn tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhomx ikunu soġġetti għal ċensura.

*Artikolu 6*

*Laissez-passer* f'forma li trid tiġi preskritta mill-Kunsill, permezz ta' maġġoranza sempliċi, u li għandu jiġi rikonoxxut bħala dokument validu tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, jista' jinħareġ lill-membri u l-impjegati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni mill-Presidenti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dan il-*laissez-passer* għandu jinħareġ lill-uffiċjali u impjegati oħrajn taħt kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-impjegati l-oħrajn tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehimiet sabiex dan il-*laissez-passer* jiġi rikonoxxut bħala dokument validu tal-ivvjaġġar fit-territorju ta' pajjiżi terzi.

KAPITOLU III

**MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

*Artikolu 7*

M'għandha tiġi imposta l-ebda restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort'oħra fuq il-moviment liberu ta' Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

Il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom, fir-rigward tal-kontrolli tad-dwana u tal-kambju, jingħataw:

(a) mill-Gvern tagħhom stess, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil uffiċjali anzjani li jkunu qed jivvjaġġaw barra l-pajjiż fuq missjonijiet uffiċjali temporanji;

(b) mill-gvern ta' Stati Membri oħrajn, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil rappreżentanti ta' gvernijiet barranin waqt missjonijiet uffiċjali temporanji.

*Artikolu 8*

Il-membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali fir-rigward ta' opinjonijiet jew voti espressi minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

*Artikolu 9*

Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu:

(a) fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-Membri tal-Parlament tagħhom;

(b) fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull miżura ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.

L-immunità għandha tapplika bl-istess mod għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tiġi invokata la meta Membru jinqabad fil-fatt li jwettaq reat u lanqas ma żżomm lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu.

KAPITOLU IV

**RAPPREŻENTANTI TAL-ISTATI MEMBRI LI JIPPARTEĊIPAW FIL-ĦIDMA TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA**

*Artikolu 10*

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fil-qadi ta' dmirijiethom u waqt li jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqgħu, igawdu mill-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet skont il-konswetudini.

Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-membri tal-korpi konsultattivi tal-Unjoni.

KAPITOLU V

**UFFIĊJALI U IMPJEGATI OĦRAJN TAL-UNJONI EWROPEA**

*Artikolu 11*

Fit-territorju ta' kull Stat Membru u tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Unjoni għandhom:

(a) soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati relatati, minn naħa l-waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-uffiċjali u impjegati oħrajn lejn l-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fi kwistjonijiet bejn l-Unjoni u l-uffiċjali tagħha u l-impjegati oħrajn, igawdu l-immunità minn proċedimenti legali fir-rigward tal-atti mwettqa minnhom fil-kariga uffiċjali tagħhom, inkluż il-kliem mitkellem u l-kitba tagħhom. Huma għandhom ikomplu jgawdu din l-immunità wara li jkunu waqfu mill-kariga tagħhom;

(b) flimkien mal-konjuġi tagħhom u membri dipendenti tal-familji tagħhom, ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet tal-immigrazzjoni jew għal formalitajiet tar-reġistrazzjoni ta' persuni barranin (aljeni);

(c) fir-rigward ta' regolamenti dwar il-munita ew il-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet bħal ma s-soltu jingħataw lil uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) igawdu d-dritt li jimportaw mingħajr ebda dazju l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom meta jibdew il-kariga tagħhom għall-ewwel darba f'dak il-pajjiż u d-dritt li jerġgħu jesportaw l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom mingħajr ebda dazju, meta jtemmu dmirijiethom f'dak il-pajjiż, soġġett f'kull każ, għall-kundizzjonijiet meqjusin meħtieġa mill-Gvern tal-pajjiż, fejn dan id-dritt jiġi eżerċitat;

(e) ikollhom id-dritt li jimportaw mingħajr ebda dazju karrozza għall-użu personali tagħhom, akkwistata jew fil-pajjiż fejn l-aħħar kellhom ir-residenza tagħhom jew fil-pajjiż li tiegħu huma għandhom ċittadinanza skont it-termini li jirregolaw is-suq lokali ta' dak il-pajjiż, u li jerġgħu jesportawha mingħajr ebda dazju, soġġetti f'kull każ għall-kundizzjonijiet meqjusin meħtieġa mill-Gvern tal-pajjiż konċernat.

*Artikolu 12*

L-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Unjoni, skont il-kundizzjonijiet u l-proċedura stipulata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet ikkonċernati.

Għandhom ikunu eżenti minn taxxi nazzjonali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Unjoni.

*Artikolu 13*

Fl-applikazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul, it-taxxa fuq il-ġid u t-taxxa tas-suċċessjoni, u fl-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet dwar l-evitar tat-taxxa doppja, konklużi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni, uffiċjali u impjegati oħrajn tal-Unjoni li, għarraġuni unika li jwettqu dmirijiethom fis-servizz tal-Unjoni, jistabbilixxu r-residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx il-pajjiż tad-domiċilju tagħhom, għal skopijiet ta' taxxa meta jidħlu fis-servizz tal-Unjoni, għandhom jitqiesu, sew fil-pajjiż tar-residenza attwali tagħhom kif ukoll fil-pajjiż tad-domiċilju tagħhom għal skopijiet ta' taxxa, daqslikieku żammew id-domiċilju tagħhom fil-pajjiż tal-aħħar, sakemm dak il-pajjiż huwa membru tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għall-konjugi, safejn il-konjugi ma jkollhomx separatament xi okkupazzjoni bi qligħ, u għal ulied dipendenti fuq u taħt ir-responsabbiltà tal-persuni msemmija f'dan l-Artikolu.

Il-proprjetà mobbli, li tappartjeni lil persuni msemmija fil-paragrafu preċedenti u li tkun tinsab fit-territorju tal-pajjiż fejn dawn ikunu qegħdin joqgħodu, għandha tkun eżenti minn kull taxxa tas-suċċessjoni f'dak il-pajjiż; dik il-proprjetà għandha, għall-valutazzjoni ta' dak it-taxxa, titqies bħala waħda li tinsab fil-pajjiż ta' domiċilju għal finijiet ta' taxxa, soġġetta għad-drittijiet ta' pajjiżi terzi u għall-applikazzjoni possibbli ta' provvedimenti ta' konvenzjonijiet internazzjonali fuq it-tassazzjoni doppja.

Kull domiċilju miksub unikament minħabba l-qadi ta' dmirijiet fis-servizz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn ma għandux jitqies fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 14*

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u wara konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet ikkonċernati, għandhom jistabbilixxu l-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u l-impjegati oħrajn tal-Unjoni.

*Artikolu 15*

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u wara konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħrajn ikkonċernati, għandhom jiddeterminaw il-kategoriji tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Unjoni li għalihom id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 12, u l-Artikolu 13 għandhom japplikaw, kollha kemm huma jew parti minnhom.

L-ismijiet, il-gradi u l-indirizzi ta' uffiċjali u impjegati oħrajn inklużi f'dawk il-kategoriji għandhom jiġu kkomunikati perjodikament lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

KAPITOLU VI

**PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET TA' MISSJONIJIET TA' PAJJIŻI TERZI AKKREDITATI LILL-UNJONI EWROPEA**

*Artikolu 16*

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-Unjoni għandha s-sede tagħha għandu jagħti l-privileġġi u l-immunitajiet diplomatiċi skont il-konswetudini lil missjonijiet f'pajjiżi terzi akkreditati lill-Unjoni.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 17*

Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet għandhom jingħataw lill-uffiċjali u l-impjegati oħrajn tal-Unjoni unikament fl-interessi tal-Unjoni.

Kull istituzzjoni tal-Unjoni għandha l-obbligu li tneħħi din l-immunità mogħtija, lil uffiċjal jew lil impjegat ieħor, kull meta dik l-istituzzjoni tikkunsidra li t-tneħħija ta' din l-immunità ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

*Artikolu 18*

Għall-iskop li jiġi applikat dan il-Protokoll, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoperaw mal-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 19*

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-Membri tal-Kummissjoni.

*Artikolu 20*

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali, ir-Reġistraturi u r-Rapporteurs Assistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' immunità minn proċedimenti legali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali.

*Artikolu 21*

Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għall-Bank Ewropew tal-Investiment, għall-membri tal-organi tiegħu, għall-persunal tiegħu u għar-rappreżentanti tal-Istati Membri li jkunu qegħdin jipparteċipaw fl-attivitajiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu barra minn dan jiġi eżentat minn kull forma ta' tassazzjoni jew impożizzjoni ta' xorta simili f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jista' jkollhom x'jaqsmu ma' dan fl-Istat fejn il-Bank ikollu s-sede tiegħu. Bl-istess mod, ix-xoljiment jew stralċ tiegħu ma għandu jagħti lok għal ebda impożizzjoni. Fl-aħħar nett, l-attivitajiet tal-Bank u tal-organi tiegħu mwettqa skont l-Istatut tiegħu ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi taxxa fuq il-fatturat.

*Artikolu 22*

Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri tal-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun eżenti minn kull forma ta' tassazzjoni jew impożizzjoni simili fil-każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jista' jkollhom x'jaqsmu miegħu fl-Istat fejn il-Bank għandu s-sede tiegħu. L-attivitajiet tal-Bank u tal-fergħat tiegħu li jaħdmu skont l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi taxxa fuq il-fatturat.

*Appendiċi għall-Anness A*

**PROĊEDURI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-PROTOKOLL DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-UNJONI EWROPEA FL-ISVIZZERA**

1. Estensjoni tal-applikazzjoni għall-Isvizzera

Kull referenza għall-Istati Membri fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "il-Protokoll") għandha tinftiehem li tapplika b'mod ekwu fl-Isvizzera, sakemm ma jkunx determinat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Eżenzjoni tal-Aġenzija mit-taxxi indiretti (inkluża l-VAT)

Oġġetti u servizzi esportati mill-Isvizzera mhumiex suġġetti għat-taxxa Svizzera fuq il-valur miżjud (VAT). Fil-każ ta' oġġetti u servizzi fornuti lill-Aġenzija fl-Isvizzera għall-użu uffiċjali tagħha, l-eżenzjoni mill-VAT issir permezz ta' rifużjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll. L-eżenzjoni mill-VAT għandha tingħata jekk il-prezz tax-xiri effettiv tal-oġġetti u s-servizzi indikat fil-fattura jew fid-dokument ekwivalenti jammonta għal total ta' tal-anqas Frank Żvizzeru 100 (taxxa inkluża).

Ir-rifużjoni tal-VAT tingħata fuq preżentazzjoni lill-Amministrazzjoni Federali tat-Taxxa, Diviżjoni Prinċipali tal-VAT, tal-formoli pprovduti mill-Amministrazzjoni Svizzera għal dan il-għan. Bħala regola, it-talbiet għar-rifużjoni, flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa, għandhom jiġu pproċessati fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha jkunu tressqu.

3. Proċeduri għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-persunal tal-Aġenzija

Fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 tal-Protokoll, l-Isvizzera għandha teżenta, skont il-prinċipji tal-liġijiet interni tagħha, lill-uffiċjali u l-impjegati oħrajn tal-Aġenzija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 ([1]) mit-taxxi federali, kantonali u komunali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa lilhom mill-Unjoni Ewropea u soġġetti għal taxxa interna b'benefiċċju għaliha.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Protokoll, l-Isvizzera mhix meqjusa bħala Stat Membru fi ħdan it-tifsira tal-punt 1 hawn fuq.

L-uffiċjali u impjegati oħrajn tal-Aġenzija, kif ukoll il-membri tal-familji tagħhom li huma membri fis-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħrajn tal-Unjoni Ewropea, mhumiex obbligati jkunu membri tas-sistema tas-sigurtà soċjali Svizzera.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni esklussiva għall-kwistjonijiet kollha rigward ir-relazzjonijiet bejn l-Aġenzija jew il-Kummissjoni u l-persunal tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([2]) u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

---

([1]) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 1969 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil liema d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw (ĠU L 74, 27.3.1969, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/2002 (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 13).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad- 29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (Ir-Regolamenti tal-lstaff) [Il-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej] (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7).

*ANNESS B*

**KONTROLL FINANZJARJU FIR-RIGWARD TAL-PARTEĊIPANTI SVIZZERI F'ATTIVITAJIET TAL-FTEHIM EWROPEW DWAR L-AVJAZZJONI**

*Artikolu 1*

**Komunikazzjoni diretta**

L-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw direttament mal-persuni jew l-entitajiet kollha stabbiliti fl-Isvizzera li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Aġenzija bħala kuntratturi, parteċipanti fil-programmi tal-Aġenzija, destinatarji ta' pagamenti mill-baġit tal-Aġenzija jew tal-Komunità jew subkuntratturi. Dawn il-persuni jistgħu jittrażmettu direttament lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti li huma meħtieġa li jibagħtu abbażi tal-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni u tal-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi u kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont dawn.

*Artikolu 2*

**Kontrolli**

1. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) u r-Regolament Finanzjarju adottat mill-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija fis-26 ta' Marzu 2003, mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u mal-istrumenti oħrajn imsemmija f'din id-Deċiżjoni, il-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda mal-benefiċjarji stabbiliti fl-Isvizzera jistgħu jipprovdu għat-twettiq fi kwalunkwe mument ta' verifiki xjentifiċi, finanzjarji, teknoloġiċi jew oħrajn fil-proprjetà tal-benefiċjarji u tas-subkuntratturi tagħhom minn uffiċjali tal-Aġenzija u l-Kummissjoni jew minn persuni oħrajn b'mandat mill-Aġenzija u mill-Kummissjoni.

2. L-uffiċjali tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni u l-persuni l-oħrajn b'mandat mill-Aġenzija u mill-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess xieraq għas-siti, ix-xogħlijiet u d-dokumenti, u għall-informazzjoni kollha neċessarja, inklużi dawk f'format elettroniku, biex iwettqu dawn il-verifiki. Dan id-dritt għall-aċċess għandu jiġi espliċitament stipulat fil-kuntratti jew fil-ftehimiet konklużi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.

3. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha l-istess drittijiet bħal dawk tal-Kummissjoni.

4. Il-verifiki jistgħu jseħħu sa ħames snin wara l-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni jew skont it-termini tal-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda.

5. L-Uffiċċju Federali Svizzeru tal-Verifika għandu jiġi infurmat minn qabel dwar il-verifiki li jsiru fuq it-territorju Svizzeru. Din l-informazzjoni ma għandhiex tkun kundizzjoni legali għat-twettiq ta' dawn il-verifiki.

*Artikolu 3*

**Verifiki fuq il-post**

1. Skont dan il-Ftehim, il-Kummissjoni (OLAF) hija awtorizzata biex twettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju Svizzeru, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([3]).

2. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitmexxew mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju Federali tal-Verifika Svizzeru jew ma' awtoritajiet Svizzeri kompetenti oħrajn maħtura mill-Uffiċċju Federali tal-Verifika Svizzeru, li għandu jiġi notifikat fil-ħin dwar l-għan, l-iskop u l-bażi legali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa. Għal dan il-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet Svizzeri kompetenti jistgħu jipparteċipaw fil-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post.

3. Jekk l-awtoritajiet kompetenti Svizzeri konċernati jkunu jixtiequ, il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jsiru b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet Svizzeri kompetenti.

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([3]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

4. Fejn il-parteċipanti fil-programm jirreżistu verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet Svizzeri, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli nazzjonali, għandhom jagħtu l-assistenza meħtieġa lill-ispetturi tal-Kummissjoni, biex jaqdu dmirijiethom fit-twettiq ta' verifika jew spezzjoni fuq il-post.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta, mill-aktar fis possibbli, lill-Uffiċċju Federali Svizzeru tal-Verifika, dwar kull fatt jew suspett relatat ma' irregolarità li jkunu saru jafu bih waqt it-twettiq tal-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post. F'kull każ, il-Kummissjoni hija meħtieġa tinforma lill-awtorità msemmija hawn fuq dwar ir-riżultati ta' dawn il-verifiki u l-ispezzjonijiet.

*Artikolu 4*

**Informazzjoni u konsultazzjoni**

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni korretta ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet Svizzeri u Komunitarji kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni regolarment u, fuq talba ta' wieħed mill-Partijiet, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti Svizzeri għandhom jinformaw mingħajr dewmien lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe fatt jew suspett li jkunu saru jafu bih li jirrelata ma' irregolarità marbuta mal-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi fl-applikazzjoni tal-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

**Kunfidenzjalità**

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skont dan l-Anness se tkun koperta mill-kunfidenzjalità professjonali u protetta bl-istess mod bħalma titħares informazzjoni simili mil-leġiżlazzjoni nazzjonali Svizzera u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet Komunitarji. Din l-informazzjoni ma għandix tiġi kkomunikata lil persuni oħrajn ħlief dawk li fi ħdan l-istituzzjonijiet Komunitarji, fl-Istati Membri jew fl-Isvizzera, li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafuha, u lanqas ma tista' tintuża għal skopijiet oħrajn ħlief dawk li jservu biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet Kontraenti.

*Artikolu 6*

**Miżuri u penali amministrattivi**

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Svizzera, jistgħu jiġu imposti miżuri u penali ammistrattivi mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002, u mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjari tal-Komunità Ewropea [1].

*Artikolu 7*

**Irkupru u infurzar**

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni li jimponu obbligu finanzjarju fuq persuni apparti mill-Istati, għandhom ikunu infurzabbli fl-Isvizzera.

L-ordni tal-infurzar trid tinħareġ, mingħajr l-ebda kontroll ieħor għajr għall-verifika tal-awtentiċità tal-att, mill-awtorità maħtura mill-gvern Svizzeru, li għandha tinforma lill-Aġenzija jew lill-Kummissjoni b'dan. L-infurzar għandu jseħħ skont ir-regoli ta' proċedura Svizzeri. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-infurzar hija soġġetta għall-kontroll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea maqtugħa skont klawżola ta' arbitraġġ huma infurzabbli fuq l-istess termini.

---

[1] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT